# QORTI TAL-APPELL

## IMĦALLFIN

**ONOR. IMĦALLEF GIANNINO CARUANA DEMAJO**
**(Aġent President)**
**ONOR. IMĦALLEF JOSEPH R. MICALLEF**
**ONOR. IMĦALLEF ANTHONY ELLUL**

**Seduta ta' nhar it-Tnejn, 11 ta' Marzu, 2024.**

**Numru 10**

**Rikors numru 187/2016/1 MCH**

**Logotenent Kurunell Andrew Mallia**

**v.**

**1) Kap Kmandant, Forzi Armati ta' Malta**
**2) Ministru għall-Intern u Sigurtà Nazzjonali**

**Il-Qorti:**

1. Din hija sentenza dwar appell imressaq mil-Logotenent Kurunell Andrew Mallia, minn sentenza mogħtija mill-Prim' Awla tal-Qorti Ċivili nhar is-17 ta' Ġunju, 2020 (minn issa 'l hemm imsejħa "is-sentenza appellata"), li biha u għar-raġunijiet hemmhekk imfissra ċaħdet kemm l-

eċċezzjonijet preliminari kollha tal-imħarrkin, kif ukoll it-talbiet kollha tal-attur.

2. L-Ewwel Qorti waslet għad-deċiżjoni tagħha, billi fost kunsiderazzjonijiet oħra, qieset dan li ġej:

> *"**Promozzjonijiet aċċelerati***
>
> *"Illi fir-rikors ġuramentat tiegħu ir-rikorrent jilmenta illi l-proċess ta' promozzjoni tal-persuni msemmija fir-rikors tiegħu sar bi ksur tal-liġi peress illi ma kienx hemm rakkomandazzjoni għall-promozzjoni aċċellerata da parti tal-Kap Kmandat ai termini tar-Regolament 6(2) tal-Liġi Sussidjarja 220.03.*
>
> *"Mix-xhieda prodotti quddiem din il-Qorti rriżulta illi promozzjoni aċċellerata ssir f'żewġ każijiet:*
> *"1. meta individwu jingħata promozzjoni għal rank li jmiss qabel ma jgħaddu l-ammont ta' snin rikjesti qabel ma jkun jista' jsir dan normalment. Mix-xhieda rriżulta illi dan japplika biss sal-promozzjonijiet fir-rank ta' Logotenent Kurunell, peress illi minn dan ir-rank -il fuq m'hemm l-ebda żmien minimu stabbilit qabel ma' persuna tkun tista' tiġi promossa għar-rank li jmiss; jew*
> *"2. meta jaqbeż rank (e.g. jigi promoss direttament minn Maġġur għal Kurunell, mingħajr ma jkun laħaq ġie promoss għal Logotenent Kurunell).*
>
> *"Il-Qorti għalhekk tqis illi din il-parti mill-ilment m'hijiex fondata. L-ewwel ipoteżi ma tapplikax fir-rigward tal-promozzjonijiet ilmentati minnhom peress illi rriżulta mill-provi prodotti illi m'hemmx ammont ta' żmien minimu illi jrid jgħaddi qabel ma' Logotenent Kurunell jiġi promoss għar-rank ta' Kurunell. Fir-rigward tat-tieni ipoteżi, għalkemm tnejn mill-individwi indikati kien għadhom servew fir-rank ta' Logotenent Kurunell għal ammont ta' żmien verament irriżorju, u ċioè ġimgħatejn, jibqa' l-fatt illi legalment huma ma qabżux rank meta ġew promossi għar-rank ta' kurunell u għalhekk ma jistgħax jingħad illi kien hemm promozzjoni aċċellerata.*
>
> *"**Diskriminazzjoni***
>
> *"Ir-rikorrent jargumenta illi l-unika raguni ghalfejn huwa ma giex promoss u li gew promossi il-Brigadier Jeffrey Curmi, il-Kurunell Pierre Vassallo, il-Kurunell Mark Said u l-Kurunell Mark Mallia huwa ghaliex l-intimati hadu in konsiderazzjoni ragunijiet irrelevanti li waslu sabiex il-persuni msemmija jinghataw trattament specjali u per konsegwenza huwa sofra diskriminazzjoni minhabba dan. Ir-rikorrenti jargumenta illi huwa ghandu hafna aktar anzjanita mill-erba' persuni msemmija u ghalhekk hu kien aktar idoneju ghal promozzjoni.*

*"Permezz ta' nota datata 15 ta' April 2016 ir-rikorrent kjarafika illi huwa qieghed jibbaza l-azzjoni tieghu fuq l-artikolu 469A(1)(b) tal-Kodici ta' Organizazzjoni u Procedura Civili. Dan l-artikolu jipprovdi:*

> *"Hlief hekk kif provdut mod iehor bil-ligi, il-qrati tal-gustizzja ta' kompetenza civili ghandhom gurisdizzjoni biex jistharrgu l-validità ta' xi eghmil amministrattiv jew li jiddikjaraw dak l-eghmil null, invalidu jew minghajr effett fil-kazijiet li gejjin biss:*
> *(b) meta l-eghmil amministrattiv ikun ultra vires ghal xi raguni minn dawn li gejjin:*
> *(i) meta dak l-eghmil jitwettaq minn awtorità pubblika li ma tkunx awtorizzata sabiex twettqu; jew*
> *(ii) meta l-awtorità pubblika tkun naqset milli tosserva l-principji tal-gustizzja naturali jew htigiet procedurali mandatorji fit-twettiq tal-eghmil amministrattiv jew fid-deliberazzjonijietta' qabel dwar dak l-eghmil; jew*
> *(iii) meta l-eghmil amministrattiv jikkostitwixxi abbuz tas-setgha tal-awtorità pubblika billi dan isir ghal ghanijiet mhux xierqa jew jissejjes fuq konsiderazzjonijiet mhux rilevanti;*
> *(iv) meta l-eghmil amministrattiv ikun imur mod iehor kontra l-ligi.*

*"Illi r-rekwizit li awtorita li tkun qed tiehu decizjoni tibbaza d-decizjoni taghha fuq il-konsiderazzjoni relevanti jorbot sfiq mal-element tar-ragonevolezza fid-dritt amministrattiv. Id-definizzjoni seminali tar-ragonevolezza rikjesta minn awtorita pubblika li tkun qed tezerciza diskrezzjoni moghtija lilha bil-ligi inghatat minn Lord Greene fis-sentenza* ***Associated Provincial Picture Houses vs Wednesbury Corporation***

> *"person entrusted with a discretion must . . . direct himself properly in law. He must call his own attention to the matters which he is bound to consider. He must exclude from his consideration matters which are irrelevant to what he has to consider. If he does not obey these rules, he may truly be said . . . to be acting 'unreasonably' lay within the powers of the authority. Warrington LJ in Short v Poole Corporation [1926] Ch 66, 90, 91 gave the example of the red-haired teacher, dismissed because she had red hair. That is unreasonable in one sense. In another sense it is taking into consideration extraneous matters. It is so unreasonable that it might almost be described as being done in bad faith; and, in fact, all these things run into one another.*
>
> *"It is true to say that, if a decision on a competent matter is so unreasonable that no reasonable authority could ever have come to it, then the courts can interfere. That I think, is quite right; but to prove a case of that kind would require something overwhelming.*

*"Fir-rigward ta' dak li illum il gurnata hija maghrufa bhala Wednesbury unreasonableness, intqal minn Lord Diplock fis-sentenza* ***Council for Civil Service vs Minister for Civil Service***

> *"It applies to a decision which is so outrageous in its defiance of logic or of accepted moral standards that no sensible person who had applied his mind to the question to be decided could have arrived at it.*

*"Il-Qorti hawnhekk taghmel referenza ghas-sentenza ta' din il-Qorti*

*diversament presjeduta fl-ismijiet* ***Maggur Ivan Consiglio vs L-Onorevoli Prim Ministru et*** *(PA 30/01/2020) fejn intqal hekk:*

> *"Illi tajjeb jitfakkar qabel xejn il-principju generali li meta tissindika ghemil amministrattiv, il-Qorti ma tistaqsix jekk dan kienx tajjeb jew hazin, bhalma jsir fil-kaz ta' appell, li jidhol fil-mertu, imma tistaqsi biss jekk dan kienx legali, igifieri jekk giex imhaddem fil-qafas tas-setghat moghtija mil-ligi. L-istharrig gudizzjarju huwa ghalhekk mekkanizmu fundamentali biex jizgura li l-awtoritajiet pubblici ma jaqbzux il-limiti taghhom u tigi mharsa s-saltna tad-dritt. Ghalhekk meta Qorti tissindika ghemil amministrattiv, hija tiddeciedi biss jekk dak l-ghemil ghandux jithassar jew le, izda ma tbiddilx decizjoni mehuda mill-awtorità pubblika li jkollha s-setgha li tiddecidieha b'ohra mehuda mill Qorti stess;*
>
> *"Illi jista' jinghad li id f'id mal-kwestjoni tar-ragonevolezza ta' decizjoni jew ghemil amministrattiv, tidhol ukoll dik tar-rilevanza tal-kunsiderazzjonijiet li jintghamlu biex twassal ghat-tehid ta' tali decizjoni jew ghemil. Din ukoll hija wahda mill-kawzali li fuqhom l-attur isejjes il-kaz tieghu. Maghhom u minhabba l-kawzali specifika tat-thaddim tar-ragonevolezza, jidhol tabilfors l-element tat-thaddim tad-diskrezzjoni li l-ligi taghni biha lill-awtorità amministrattiva pubblika li tkun hadet dik id-decizjoni.*
>
> *[…]*
>
> *"Illi marbut sfiq ma' dawn il-principji wiehed isib ukoll it-test tar-ragonevolezza tat-twettiq tad-diskrezzjoni. Id-dmir li awtorità tagixxi ragonevolment mhux l-istess bhad-dmir li tagixxi bona fide. Ghalhekk, filwaqt li mhux kull ezercizzju ragonevoli ta' gudizzju huwa bilfors korrett, lanqas mhuwa bilfors irragonevoli kull ezercizzju ta' gudizzju zbaljat. F'kaz bhal dan, ix-xiber li l-Qorti jidher li ghandha tuza biex tkejjel bih ikun dak li tqis jekk id-decizjoni li minnha jkun hemm ilment kinitx mistennija li tittiehed minn persuni ragonevoli*
>
> *"Il-kejl tar-ragonevolezza jista' jitqies bhala l-mod kif ghemil amministrattiv ma jithalliex ikun agir arbitrarju jew kapriccuz. Izda jekk kemm-il darba jirrizulta li d-decizjoni amministrattiva taqa' fil-parametri tar-ragonevolezza, imbaghad il-Qorti ta' stharrig ma jifdlilha l-ebda setgha li tindahal fuq is-siwi ta' dik id-decizjoni jew tiddelibera dwar jekk kenitx taqbel maghha jew jekk kinitx tiddeciedi bhalha.*
>
> *"Mhuwiex bilfors irragonevoli kull ezercizzju ta' gudizzju zbaljat.*

*"Fir-rigward ta' ilment ta' diskriminazzjoni relattivament ghal ghemil amministrattiv inghad illi*

> *"The corresponding link between the equality principle and Wednesbury and/or proportionality is made when a court must determine whether any difference in treatment between individuals, or groups of individuals, is justified. Certainly, it is well-established that the courts view the need to treat 'like cases alike and unlike cases differently [as] a general axiom of rational behavior', and it can therefore be expected that the courts will intervene where the justification for a decision is unreasonable within the strong meaning*

> *of the Wednesbury principle (i.e. the justification is 'so unreasonable that no reasonable decision-maker' could have offered it).( P.Leyland u G. Anthony, Textbook on Administrative Law, 7th ed, OUP 2013)345).*

*"Il-promozzjonijiet li r-rikorrenti jilmenta minnhom saru fir-ranks ta' Kurunell. Ghalhekk dan l-ezercizzju kien regolat mill-provvedimenti tal-regolament 6 (1) tal-Legislazzjoni Sussidjarja 220.03. Dan ir-regolament jipprovdi hekk:*

> *"Bla hsara tad-disposizzjonijiet ta' dan ir-regolament dwar promozzjonijiet accellerati, promozzjonijiet ghar-ranks hawn taht specifikati ghandhom isiru skond rakkomandazzjoni bazata fuq efficjenza, anzjanita` u ghazla biex timtela vakanza.*
>
> *"A. Ufficjali tal-Kombattiment:*
> *Tenent*
> *Kaptan*
> *Maggur*
> *Tenent Kurunell*
> *Kurunell*
> *Brigadier*

*"Din il-parti tar-regolament numru 6 kienet giet introdotta permezz ta' A.L. 139 tal-1991 u ghadha l-istess sal-gurnata tal-llum. Ghalhekk din il-parti tar-regolament kienet applikabbli fiz-zmien meta saru l-promozzjonijiet in kwistjoni. Huwa car illi d-diskrezzjoni tal-Ministru responsabbli hija limitata ai termini tar-regolament imsemmi, ghaliex l-ghazla tieghu trid ta' bilfors issir skont id-dettami ta' dan ir-regolament. Minn qari ta' dan ir-regolament huwa car illi din l-ghazla trid tigi gwidata minn tlett elementi u cioe: efficjenza, anzjanita u ghazla biex timtela vakanza.*

*"L-ewwel nett fir-rigward tal-Kurunell Pierre Vassallo il-Qorti tqis illi l-ilment tar-rikorrent huwa manifestament infondat. Jirrizulta illi l-Kurunell Pierre Vassallo jgawdi ferm aktar anzjanita mir-rikorrent, kemm fis-sens ta' snin fis-servizz, kif ukoll fis-sens ta' anzjanita fir-rank ta' Logotenent Kurunell, peress illi huwa kien dahal fis-servizz fid-19 ta' Novembru 1986 filwaqt illi kien gie promoss ghar-rank ta' Logotenent Kurunell fl-1 t'Ottubru 2003 u kien il-Logotenent Kurunell li jgawdi l-aktar anzjanita fir-rank (Dok. MM1A fol. 204). Minn naha tieghu ir-rikorrent dahal fis-servizz fl-14 ta' Gunju 1993 u inghata promozzjoni ghar-rank ta' Logotenet Kurunell b'effett retroattiv minn 1 ta' Lulju 2010. Ghalhekk meta gie promoss ghar-rank ta' Kurunell, Vassallo kellu seba' snin aktar mir-rikorrent fir-rank ta' Logotenent Kurunell u minn dan isegwi illi l-ilment tar-rikorrent fil-konfront ta' Pierre Vassallo huwa manifestament infondat.*

*"Fir-rigward tal-Kurunell Mark Said jirrizulta wkoll illi m'huwiex minnu illi kien ilu fir-rank ta' Logotenent Kurunell gimghatejn biss qabel ma gie promoss ghar-rank ta' Kurunell. Jirrizulta anzi illi Said kien ilu fir-rank ta' Logotenent Kurunell sa mill-1 ta' Lulju 2010, u ghalhekk ghall-istess ammont ta' zmien bhar-rikorrent. Inoltre l-Qorti tosserva illi filwaqt li f'Lulju 2010 ir-rikorrent kien acting Logotenent Kurunell, il-Kurunell Mark*

*Said kien diga qieghed ufficjalment iservi bhala Logotenent Kurunell.*

*"Huwa car mir-Regolament 6(1) illi l-anzjanita hija biss wahda mill-kriterji li ghandhom iittiehdu in konsiderazzjoni meta tinghata promozzjoni. Skont il-ligi stess sabiex tinghata promozzjoni ghandu jittiehed kont tal-efficjenza u l-vakanza partikolari li tkun trid tigi mimlija. Ghalhekk il-fatt wahdu li r-rikorrent ghandu aktar anzjanita minn tnejn mill-persuni indikati minnu fir-rikors ma jwassalx awtomatikament ghal konkluzjoni illi kellu jigi promoss hu minflokhom. Dan jinsab ikkonfermat fis-sentenza fl-ismijiet* ***Francis Borg Falzon vs Kmandat tal-Forzi Armati ta' Malta*** *(PA 7/07/2014) fejn gie deciz li*

> *"Il-fatt li suldat jinqabez milli jinghata promozzjoni m'ghandux jitqies bhala li hu, awtomatikament, kaz ta' ingustizzja. Ghalkemm is-seniority hu fattur li jitqies, dan mhux, izda, fattur determinanti wahdu. Is-seniority tassumi importanza sew meta jkollok tnejn min nies (jew izjed), f'kollox indaqs f'dawk li huma attributi, u minnhom trid taghzel wiehed.*

*"Il-Qorti tqis illi mill-provi li gew prodotti quddiema jidher fil-fatt illi l-ideja li certu kwalifiki ghandhom aktar sahha mill-anzjanita ghar-rigward tal-promozzjonijiet m'hijiex xi wahda gdida jew esklussiva ghar-rank l-gholjin. Filfatt mix-xhieda li semghat din il-Qorti rrizulta illi fir-ranks fejn irid jghaddi minimu ta' zmien stipulat qabel ma individwu jkun jista' jigi promoss ghar-rank li jmiss il-process ta' promozzjoni accellerata jintuza proprju sabiex persuna illi tottjeni certu kwalifiki tkun tista' tigi promossa qabel ma jghaddi z-zmien minimu stipulat mill-ligi. Il-Qorti rat ukoll illi fil-process ta' SRAAC (ghalkemm sa issa intuza biss ghall-promozzjoni mir-rank ta' Maggur ghal Logotenent Kurunell) l-anzjanita tinghata biss 50 marka mit-total ta' 500. Il-Qorti rat ukoll illi skont ir-Regolament 37 (4) li jirrigwarda promozzjonijiet jipprovdi illi "[s]ervizz li ghandu jigi kalkolat ghandu jghodd ghal promozzjoni." Ghalhekk, jidher ghal din il-Qorti illi fl-evalwar tal-persuni ghall-finijiet ta' promozzjoni is-servizz kollu li jkunu taw fil-karriera taghhom (fit-test Ingliz: reckonable service) huwa relevanti u mhux biss is-servizz illi jkun ta f'dak ir-rank partikolari.*

*"Illi quddiem din il-Qorti gew prodotti provi dwar il-kwalifiki tar-rikorrent, tal-Kurunell Mark Mallia u l-Brigadier Jeffrey Curmi, li l-Qorti ser tirriporta ghal finijiet ta' kjarezza:*

*"**Ir-rikorrent:***

*"1993 – 1996 - Segwa Naval Cadet Course gewwa l-Germany fejn gie l-ewwel fil-kors.*
*"1997 – Segwa Boarding Officer Course f'Malta*
*"1999 – Segwa kors fuq Basic Staff Duties fl-Ingilterra*
*"2000 – Ghamel Search and Rescue Personal Computer Familiarization fl-Istati Uniti*
*"2001 – Ottjena US Naval War College Diploma*
*"2007 – Ottjena Advanced Diploma in International Maritime Law mill-IMLI, Malta*
*"2008 – Segwa kors rigward Managing Security: Managing Threats to*

*Ships and Port Facilities*
*"2010 – Segwa kors f'Search and Rescue Mission Coordinator Ops Software fl-Istati Uniti*
*"2011 – Ghamel Hostile Environment Security Training fl-Ingilterra*
*"2012 – Ghamel Pre-Deployment Training on the Border Assessment Mission to Libya*
*"2013 – Segwa Strategy and War Course gewwa l-IStati Uniti*

***"Il-Kurunell Mark Mallia***

*"1997 – 1998 - Ghamel l-Infantry Platoon Commanders Course fl-Italja*
*"1999 – 2000 – Segwa ir-Royal Military Academy Sandhurts Commissioning Officer fejn gie moghti il-Brunei Medal*
*"2001 – Segwa Training Programme on How the EU Operates f'Malta*
*"2003 – Segwa kors f'Maritime Crisis Management fl-Istati Uniti*
*"2003 – Segwa kors avvanzat dwar EU Studies on Treaties, Law and Institutions f'Malta*
*"2005 – Segwa il-United Nations Staff Officer Course fil-Germanja*
*"2005 – Segwa course f'Helicopter Drill Procedures fl-Italja*
*"2005 – Ghamel Peace Keeping Training fl-Italja*
*"2005 – Segwa kors ghal Search and Rescue Mission Coordinator f'Malta*
*"2006 – Ottjena Diploma in Management Studies with distinction mill-Universita ta' Malta*
*"2007 – Segwa kors ghal Arms Control Inspector/Escort fl-Italja*
*"2008 – Ircieva Certificate of Appreciation by the EU Ops HQ "for outstanding support and achievement while contributing to the success of the EU military exercise."*
*"2008 – Segwa kors dwar Arms Control Dayton Peace Agreement Assistance fl-Italja*
*"2008 – Ircieva Certificate of Appreciation by the Comando Operative Forze Aeree "for support that directly contributed to the success of "Squalo 2008"*
*"2009 – Ottjena Executive Masters of Business Administration with distinction mill-Universita ta' Malta*

***"Il-Brigadier Jeffrey Curmi***

*"1995 – Segwa l-Infantry Platoon Commanders Course fl-Italja, fejn gie l-ewwel*
*"1996 – Segwa ir-Royal Military Academy Sandhurst Commissioning Course fejn gie awarded Best Overseas Cadet, the Nigeria Prize, the Brunei Medal u kien ir-rebbiegh tal-Whitbread Cup as Best Marksman*
*"1996 – Ghamel kors ghal Advanced Open Water Diver f'Malta*
*"1998 – Ghamel Apnea Techniques Course f'Malta*
*"1999 – Segwa Basic Staff Duties Course fl-Ingilterra*
*"1999 – Segwa Advances Explosive Ordnance Disposal (Improvised Explosive Device Disposal) Course fl-Ingilterra*
*"1999 – Segwa Overseas Advanced Explosive Ordnance Disposal fl-Ingilterra*

*"2000 – Ghamel Advanced Equipment Inspection and Material Identification Systems Training fl-Istati Uniti*
*"2000 – Segwa DOE/USCS Counterproliferation Training Programme fl-Istati Uniti*
*"2001 – Segwa International Relations Programme f'Malta*
*"2002 – Segwa kors dwar Strategies for Effective Marine Chemical Spills Response in Port Areas and their Approaches*
*"2003 – Ghamel Airport Security Management Course fl-Istati Uniti*
*"2003 – Segwa in-Navy Diving Officer Course fl-Istati Uniti fejn gie l-ewwel*
*"2003 – Segwa Mixed Gases HEO2 Diver Course fl-Istati Uniti*
*"2004 – Ghamel WMD Commodity Identification Training fl-Istati Uniti*
*"2004 – Segwa kors dwar Radiation Protection in Industrial Radiography f'Malta*
*"2004 – Segwa Wheelbarrow MK8 Plus II Training Course fl-Ingilterra*
*"2005 – Ghamel Aviation Security Manages Course f'Malta*
*"2005 – Ghamel GEIS Training Course f'Malta*
*"2006 – Segwa WMD Commodity Identification Training (CIT) fl-Istati Uniti*
*"2006 – Ghamel Underwater ROV Operations Course fl-Istati Uniti*
*"2006 – Ottjena Diploma CBRN (Chemical, Biological, Radiological and Nuclear) fl-Italja*
*"2006 – Segwa il-United Nations Staff Officer Course fil-Germanja*
*"2006 – Ottjena Diploma in Public Administration mill-Universita ta' Malta*
*"2007 – Studja Crimes Under the Sea f'Malta*
*"2007 – Segwa kors Building Vulnerability in relation to Terrorist AttacksL State of Art in Europe; Best Practices; Practical Concepts and Countermeasures fl-Italja*
*"2007 – Ghamel Operational CBRN Instructor Course fl-Italja*
*"2007 – Segwa Arms Control Inspector/Escort course fl-Italja*
*"2008 – Ghamel The Team Challenge Training Programme f'Malta*
*"2008 – Segwa Arms Control Dayton Peace Agreement Assistant Course fl-Italja*
*"2009 – Segwa Advance Explosives Disposal Techniques Course fl-Istati Uniti*
*"2010 – Segwa Improvised Explosive Device Disposal Course fi Spanja*
*"2010 – Segwa International Post Blast Investigations Course fl-Olanda*
*"2011 – Segwa kors fuq IED/EOD Disruption Techniques fil-Polonja*
*"2011 – Ghamel International Improvised Explosive Device Training fl-Ungerija*
*"2012 – Ghamel Combined Strategic Intelligence Training Programme fl-Istati Uniti*
*"2012 – Ghamel National Intelligence Course fl-Istati Uniti*
*"2012 - Ghamel Intelligence Support to Multinational Operations fl-Istati Uniti*
*"2012 - 2013 – Serva bhala CJ 2 Chief Intelligence Analyst-EUNAVFOR/Operation Atalanta fejn il-performance tieghu giet rated bhala Outstanding*

*"Il-Qorti tirrileva illi wiehed mill-kriterji li ghandhom jittiehdu in*

*konsiderazzjoni meta tinghata promozzjoni huwa ghazla ghal vakanza, u cioe il-persuna irid ikun il-persuna idoneja ghal dik il-vakanza partikolari.*

*"Fir-rigward tal-Kurunell Mark Mallia jirrizulta li l-promozzjoni li kien inghata kienet fil-brank ta' Human Resources tal-FAM. Il-Qorti semghat lil Ministru jispjega kif krucjali ghal ghazla tieghu kien il-fatt illi l-Kurunell Mallia kien ghamel karriera shiha f'din il-branka u aktar importanti minn hekk kellu MBA. Il-Qorti rat filfatt illi l-Kurunell Mallia kien ottjena Diploma in Management Studies b'distinzjoni mill-Universita ta' Malta fejn kien kiteb long essay rigward "Re-training and Re-Allocation of Human Resources within the AFM" u Executive Master of Business Administration b'distinzzjoni mill-Universita ta' Malta fejn kiteb tezi bit-titolu "A Critical Analysis of the Selection and Recruitment Methods adopted by the Armed Forces of Malta" ghall-liema kien inghata il-grade ta' A. Ghalhekk jidher illi l-Kurunell Mallia kien kwalifikat ferm fil-qasam tal-amministrazzjoni u r-rizorsi umani. Din il-Qorti tfakkar illi m'huwiex fil-poter taghha illi tiddeciedi jekk id-decizjoni mehuda mill-intimati kienet wahda tajba, izda sempliciment jekk kienetx legali, inkluz jekk kienetx ragonevoli. Ikkonsidrat l-esperjenza u partikolari il-kwalifiki tal-Kurunell Mark Mallia fil-qasam tal-amministrazzjoni u r-rizorsi umani il-Qorti tqis illi, irrispettivament mill-kwistjoni dwar jekk kienetx decizjoni tajba li jigi promoss hu u mhux il-Kurunell Andrew Mallia, din id-decizjoni ma tirrizultax illi kienet irragonevoli jew diskriminatorja fil-konfront tar-rikorrent.*

*"Fir-rikors tieghu ir-rikorrent ma indikax ghal liema vakanza huwa kien aktar idoneju, u mill-prova ma jirrizultax ezattament liema kienet il-vakanza fir-rigward ta' liema il-Brigadier Jeffrey Curmi inghata promozzjoni. Din kienet prova li kienet tispetta lir-rikorrent, ghaliex galadarba kien hu li allega li huwa kien haqqu l-promozzjoni aktar mill-Brigadier Curmi tant illi jekk ma inghatatx lilu dan kien sforz ta' decizjoni irragonevoli, u ghalhekk kien hu li kellu jgib prova ta' dan. Illi detto dan, jidher illi l-Brigadier Curmi kellu bosta kwalifiki u jidher illi kellu tlett specjalizzazzjonijiet. Il-Qorti rat ukoll illi fl-evalwazzjoni li kienet saret ghas-servizz li l-Brigadier Curmi kien ta bhala Chief Intelligence Analyst waqt l-Operazzjoni Atalanta, li saret xi xahrejn qabel il-promozzjoni tieghu, jirrizulta illi waqt din l-operazzjoni apparti r-rwol tieghu bhala Chief Intelligence Analyst huwa kien "effortlessly stepped into the Deputy Assistance Chief of Staff (Intelligence) role" u skont dan il-persuna li rrediga dan ir-rapport "I have seen twenty officers in various positions during my role as ACOS CJ2 and Major Curmi not only excelled, but stood out amongst both peers and previous incumbents in all [enfazi maghmula mir-rapport innfisu] the intelligence posts." Il-Qorti terga ttenni illi hija ma tistghax tiddetermina jekk id-decizjoni li jigi promoss il-Brigadier Curmi minflok ir-rikorrent kienetx wahda tajba jew hazina, u lanqas ma tista' tissosstitwiha b'decizjoni taghha. Dak li l-Qorti tista' taghmel biss huwa li tezamina jekk din id-decizjoni hijiex bbazata fuq konsiderazzjoni irrelevanti u ghaldaqstant irragonevoli. Minn ezami tal-kwalifiki u l-esperjenza tal-Brigadier Curmi, il-Qorti ma tistghax tghid illi*

*d-decizjoni illi huwa jigi promoss minflok ir-rikorrent kienet irragonevoli, irrispettivament mill-kwistjoni dwar jekk din kienetx id-decizjoni tajba jew le, jekk kienetx id-decizjoni li kienet tiehu din il-Qorti.*

*"Il-Qorti tifhem illi l-process permezz ta' liema gew promossi il-Brigadier Jeffrey Curmi u l-Kurunell Mark Mallia kien dubbjuz ikkonsidrat li gew promossi darbtejn fi zmien gimghatejn u ikkonsidrat ukoll fl-isfond tat-tibdil li sar fis-sistema ta' SRAAC. Illi pero, il-Qorti ma tistax issejjes id-decizjoni taghha fuq suspetti jew dubbji, izda biss fuq il-provi konkreti illi jkunu gew prodotti quddiemha, u tiddeciedi l-kawza skont il-kawzali proposti mir-rikorrent, il-ligi u l-fatti li jkunu rrizultaw, u lanqas ma tista' tasal ghad-decizjoni taghha a bazi tal-opinjoni taghha rigward min kellu jigi promoss specjalment ghaliex hija m'hijiex kwalifikata biex taghmel tali decizjoni.*

*"Illi ghaldaqstant il-Qorti tqis illi l-ilment tar-rikorrent m'ghandux mis-sewwa u ghandu jigi michud."*

3. Il-Logotenent Kurunell Andrew Mallia (minn issa 'l hemm imsejjaħ "l-appellant") ħassu aggravat bl-imsemmija sentenza, u għar-raġunijiet li tfissru f'rikors imressaq minnu fis-6 ta' Lulju, 2020, talab lil din il-Qorti sabiex: "*is-sentenza appellata tiġi kkonfermata fejn jirrigwarda l-eċċezzjonijiet miċħuda però mibdula fejn it-talbiet tiegħu ġew miċħuda billi l-istess talbiet jiġu akkordati u d-danni mitluba likwidati u ordnati li jitħallsu lilu mill-intimati skont kif din l-Onorabbli Qorti tal-Appell jogħġobha tordna*".

4. B'risposta waħda mressqa fis-27 ta' Lulju, 2020, l-imħarrkin (minn issa 'l hemm imsejħin "l-appellati") fissru għalfejn l-ilmenti tal-appellant m'humiex mistħoqqa u għalqu billi talbu lil din il-Qorti biex tikkonferma s-sentenza appellata, bl-ispejjeż kontra l-appellant.

5. Il-Qorti wara li qieset dan kollu, semgħet it-trattazzjoni tal-avukati

tal-partijiet, kif ukoll rat l-atti kollha tal-kawża, hija issa f'qagħda li tgħaddi għas-sentenza.

***Ikkunsidrat:***

6. Illi din hija azzjoni għal stħarriġ ġudizzjarju dwar eżerċizzju ta' promozzjonijiet fil-Forzi Armati ta' Malta li l-attur appellant ħassu aggravat dwaru, u li jeħodna lura għal Settembru 2013. L-azzjoni hija mibnija fuq ix-xilja li dak l-eżerċizzju twettaq bi ksur tal-liġi, b'diskriminazzjoni kontrih, kif ukoll b'dannu għalih.

7. Fi żmien li nbdiet il-kawża, l-attur appellant kien jaħdem bħala uffiċjal fil-Forzi Armati ta' Malta fil-grad ta' Tenent Kurunell. Huwa kien ilu jservi f'dak il-grad sa mill-1 ta' Lulju, 2010. B'deċiżjoni tal-25 ta' Settembru, 2013[1], li dehret fil-ħarġa tal-Gazzetta tal-Gvern tas-27 ta' Settembru, 2013[2], il-Ministru appellat ħatar lit-Tenenti Kurunelli Claudio Spiteri, Brian Gatt, Alfred Attard, Pierre Vassallo, Mark Said, Jeffery Curmi u Mark Mallia, biex jittellgħu għall-grad ta' Kurunell. Billi erbgħa fost dawn is-seba' uffiċjali u sewwasew Pierre Vassallo, Mark Said, Jeffrey Curmi, u Mark Mallia, kien għadhom kemm ittellgħu fil-grad ta' Tenent Kurunell ġimagħtejn qabel, l-attur ħass li l-promozzjoni ta' dawn kienet waħda diskriminatorja fil-konfront tiegħu, kif ukoll abbużiva u llegali.

[1] Ara 'Dok E', f'paġ. 241 tal-proċess.
[2] Ara 'Dok GG1', f'paġ. 31 tal-proċess li fih hemm kopja tal-Avviż Nru. 908, mitbugħ fil-ħarġa tal-Gazzetta tal-Gvern Nru. 19,144.

Huwa minnu wkoll li, għalkemm Vassallo u Said ittellgħu fil-grad ta' Tenent Kurunell f'Settembru tal-2013, effettivament dik il-ħatra kellha tmur lura għal Ottubru tal-2003 u Lulju tal-2010 rispettivament, b'riħet deċiżjoni tal-Bord dwar l-Investigazzjoni tal-Inġustizzji, kif se jissemma aktar 'il quddiem[3].

8. Fl-ispeċifiku, l-attur appellant qiegħed jilmenta li l-imħarrkin ma mxewx ma' dak li huwa mitlub f'regolament 6 tar-'Regolamenti Dwar in-Nomini u l-Kondizzjonijiet tas-Servizz tal-Forza Regolari tal-Forzi Armati ta' Malta' (L.S. 220.03)(minn issa 'l quddiem imsejħin "ir-Regolamenti"), billi la ma kienx hemm xi rakkomandazzjoni mill-Kmandant tal-Forzi Armati ta' Malta għall-promozzjoni aċċellerata ta' dawk l-erba' individwi li qiegħed jilmenta mill-promozzjoni tagħhom, u lanqas ma ġew imħarsa l-kriteriji mniżżla fl-ewwel subinċiż ta' dak ir-regolament u sewwasew dawk dwar: (i) l-"*effiċjenza",* (ii) l-*"anzjanità"* u l-"*għażla biex timtela l-vakanza*". Dwar in-nuqqas ta' ħarsien ta' dawn il-kriterji, l-appellant jargumenta li huwa "*impossibbli*" li l-kwalitajiet ta' Vassallo, Said, Curmi u Mallia, kienu aħjar minn tiegħu, u dan speċjalment għaliex dawk l-erba' uffiċjali kien ilhom fil-grad ta' Tenent Kurunell għal ġimagħtejn biss, filwaqt li huwa kien ilu jservi f'dak il-grad għal ħafna aktar minnhom.

9. F'dan il-qafas, l-attur qiegħed iqis li l-appellati sejsu d-deċiżjoni

[3] §§ 18 – 19 *infra*

tagħhom dwar il-promozzjonijet għall-grad ta' Kurunell fuq kunsiderazzjonijiet li jmorru lil hemm minn dawk mitluba mil-liġi. Billi jqis li l-erba' uffiċjali msemmija minnu ngħataw 'trattament speċjali', huwa jilmenta wkoll li safa vittma ta' trattament diskriminatorju li għamillu l-ħsara għaliex ċaħħdu minn dak li jippretendi li jistħoqqlu bħala riżultat ta' ħidmietu fl-Armata fuq medda ta' snin. Fid-dawl ta' dan, huwa ressaq din il-kawża, u talab lill-Qorti sabiex:

> *"1. Taqta' u tiddeċiedi illi l-aġir premess da parti tal-intimati jew min minnhom kien u għadu bi ksur tad-drittijiet tar-rikorrent kif premess u*
> *2. Tordna li jittieħdu dawk il-miżuri illi jkunu fil-fehma tal-Onor. Qorti adekwati biex jirrimedjaw l-leżjoni tad-drittijiet tar-rikorrent kif premess u*
> *3. Tillikwida arbitrio boni viri kull danni sofferti mir-rikorrent*
> *4. Tordna l-ħlas ta' dawn id-danni lir-rikorrent mill-intimati jew min minnhom.*
> *Bl-ispejjeż."*

10. B'nota mressqa fil-15 ta' April, 2015, quddiem l-Ewwel Qorti[4], l-appellant speċifika li l-każ tiegħu *"jikkonċerna s-subinċiż (1)(b) tal-Art. 469A tal-Kap 12",* u fil-*verbal* tas-seduta tal-1 ta' Marzu, 2017, l-avukat tiegħu kompla jfisser li *"l-attur qed jippretendi, f'din il-kawża, li jingħata l-promozzjoni ta' grad ta' kurunell kif ingħatat lill-persuni msemmijin fir-rikors promotur, u sakemm hi l-lanjanza tal-attur"[5].* Peress li, mal-mixja ta' dawn il-proċeduri, l-attur laħaq irtira mill-Armata, fin-nota ta' sottomissjonijet li ressaq quddiem l-Ewwel Qorti, huwa fisser li bħala rimedju għandu jitqies li ngħata promozzjoni għall-grad ta' Kurunell fis-27 ta' Settembru, 2013, biex b'hekk għallanqas huwa jitħallas l-arretrati ta'

[4] F'paġ. 20 tal-proċess.
[5] F'paġ. 124 tal-proċess.

paga u *'allowances'* li kienu b'hekk ikunu dovuti lilu, kif ukoll biex id-drittijiet ta' pensjoni tiegħu jkunu aġġustati bl-istess mod[6].

11. Wara li b'sentenza mogħtija fis-17 ta' Ġunju, 2020, l-Ewwel Qorti ċaħdet it-talbiet tal-appellant għax sabet li l-ilmenti tiegħu ma kinux mistħoqqa, l-appellant qiegħed issa jressaq dan l-appell fuq is-saħħa ta' tliet aggravji li fihom jilmenta li dik il-Qorti waslet għall-konklużjoni żbaljata billi:

> *"(i) Qieset id-data tal-promozzjonijiet ta' Pierre Vassallo u Mark Said ħżiena, u b'hekk eliminathom mill-proċess ta' evalwazzjoni tar-raġonevolezza tal-promozzjonijiet sussegwenti tagħhom inġustament;*
>
> *(ii) Ma qisitx illi l-lista tal-kwalifiki tal-kandidati ġiet ippreżentata minn persuna li tirrispondi lil Mark Mallia nnfisu u li l-kwalifiki tar-rikorrent ġew minimizzati filwaqt illi tal-persuni imsemmija fir-rikors ġew esaġerati, tant illi anke ittri ta' apprezzament ġew imniżżla bħala kwalifiki;*
>
> *(iii) Ma qisitx il-kuntest globali tal-promozzjonijiet u ċioè r-rapport tal-Ombudsman ippreżentat fl-atti, il-fatt illi Jeffery Curmi tela' erba' gradi fi tlett xhur, li l-ex-Brigardier Martin Xuereb ma kkorrobarax it-testimonjanza tan-nies li ħadu id-deċiżjoni rregolari, u li l-SRAAC inbiddlu propju qabel dawn il-promozzjonijiet – kollha affarijiet li messhom wasslu lill-Qorti għall-konklużjoni li l-promozzjonijiet saru b'mod irregolari".*

12. Ikkunsidrat dan, il-Qorti ser tgħaddi minnufih biex tistħarreġ l-aggravji tal-appellant fl-istess ordni li tressqu minnu fir-rikors tal-appell.

13. Nibdew bl-**ewwel aggravju** li essenzjalment jikkonsisti fi kritika ta' dawk il-kunsiderazzjonijiet li bihom l-Ewwel Qorti sabet li l-promozzjoni ta' Pierre Vassallo u Mark Said għall-grad ta' Kurunell, kienet tissodisfa t-

[6] Ara n-nota ta' sottomissjonijiet tal-attur f'paġna 639 tal-proċess.

test tar-raġonevolezza u li għalhekk ma kinitx *'ultra vires'* fil-parametri tal-Artikolu 469A(1)(b) tal-Kodiċi ta' Organizzazzjoni u Proċedura Ċivili.

14. L-appellant qiegħed jilmenta li fl-istħarriġ tagħha, l-Ewwel Qorti tat importanza sproporzjonata lill-kriterju tal-anzjanità, kif ukoll wettqet apprezzament żbaljat tal-provi dwar l-anzjanità relattiva ta' Vassallo u Said fl-armata. B'mod partikolari, l-appellant qiegħed jargumenta li fil-każ ta' Vassallo u Said, id-data tal-ħatra ta' dawn fil-grad ta' Tenent Kurunell, u sewwasew dik tal-1 ta' Settembru 2003 u tal-1 ta' Lulju, 2010, rispettivament, ma kellhiex tingħata rilevanza partikolari fl-istħarriġ tar-raġonevolezza tal-promozzjoni tagħhom għall-grad ta' Kurunell, u dan għaliex dawk id-dati ġew stabbiliti tliet snin wara l-eżerċizzju ta' promozzjonijiet mertu tal-kawża, u dan b'deċiżjoni tal-Bord dwar l-Investigazzjoni ta' Inġustizzji. Jisħaq għalhekk li fl-istħarriġ tagħha dwar il-kriterju tal-anzjanità, l-Ewwel Qorti setgħet tqis biss id-data tat-13 ta' Settembru, 2013, bħala d-data li fiha dawn it-tnejn ittellgħu fil-grad ta' Tenent Kurunell u dan għaliex, bħala stat ta' fatt, hekk kienu l-affarijiet f'dawk iż-żminijiet.

15. Jissokta billi jilmenta li l-Ewwel Qorti żbaljat ukoll hekk kif irriferiet għar-regolament 37(4) tar-Regolamenti u jgħid li dik il-Qorti ma kellhiex tqis ir-"*reckonable service*" bħala parti mill-kriterju tal-anzjanità, għaliex dak ir-regolament huwa limitat għall-promozzjoni ta' *'warrant officers'* jew

uffiċjali bla kummissjoni. Skont l-appellant, l-Ewwel Qorti kellha minflok tirreferi biss għall-ewwel sub-inċiż ta' regolament 6 li fih m'hemm l-ebda riferenza għal "*reckonable service*".

16. L-appellant qiegħed jirraġuna li, b'dawn l-iżbalji, l-Ewwel Qorti ma stħarrġitx sewwa l-kwestjoni tal-irraġonevolezza tad-deċiżjoni amministrattiva tal-appellati, u f'dan l-isfond itemm billi jagħmel sensiela ta' mistoqsijiet retoriċi li bihom jisħaq kemm setgħet tkun differenti l-konklużjoni tal-Ewwel Qorti, li kieku stħarrġet sewwa l-element tal-irraġonevolezza fil-kuntest ta' dak li fil-qasam tal-liġi amministrattiva huwa magħruf bħala l-*'Wednesbury test'.*

17. Il-Qorti wara li għarblet l-argumenti kollha tal-appellant tqis li, għalkemm għandu raġun f'parti mill-ilmenti tiegħu, madankollu, dan l-aggravju xorta waħda ma jistax ikun ta' fejda għalih u dan billi, anke jekk ikollu jsir stħarriġ aktar fil-fond u preċiż minn dak li twettaq mill-Ewwel Qorti, xorta waħda għandu jirriżulta li d-deċiżjoni dwar il-promozzjoni ta' Pierre Vassallo u Mark Said ma tistax titqies li teħel mit-test tal-irraġonevolezza li jirreferi għalih l-appellant jew inkella ma tteħditx f'kuntest ta' qafas legali.

18. Jibda billi jingħad li għalkemm din il-Qorti tista' tifhem għalfejn l-appellant qiegħed jilmenta li l-Ewwel Qorti ma kellhiex tirreferi għad-dati

tal-1 ta' Settembru 2003 u tal-1 ta' Lulju, 2010, bħala d-dati li fihom Vassallo u Said, kien ilhom li ttellgħu għall-grad ta' Tenent Kurunell, min-naħa l-oħra, il-Qorti ma tistax tifhem għalfejn l-appellant qiegħed jikkritika lill-Ewwel Qorti għaliex waqfet fl-istħarriġ tagħha hekk kif stabbiliet li kemm Said kif ukoll Vassallo kellhom anzjanità aktar minnu. Kemm mill-premessi mniżżla fir-Rikors maħluf li bih ressaq din il-kawża[7], kif ukoll mix-xhieda mogħtija minnu matul il-kawża[8], jirriżulta fiċ-ċar li l-appellant bena l-argumenti kollha tiegħu fuq il-fatt li huwa kien ilu jservi fil-grad ta' Tenent Kurunell għal ħafna aktar żmien minn Vassallo, Said, Curmi u Mallia. Jekk kien hemm xi ħadd li ta "*importanza sproporzjonata*" lill-kriterju ta' l-anzjanità, kien l-appellant stess u mhux l-Ewwel Qorti.

19. Minkejja dak li għadu kif ingħad, l-appellant però xorta waħda għandu raġun li jilmenta li l-Ewwel Qorti żbaljat meta kkonkludiet li Vassallo u Said kienu ilhom iservu fil-grad ta' Tenent Kurunell aktar minnu. Għalkemm li huwa minnu wkoll li, mid-dokument li rreferiet għalih l-Ewwel Qorti[9], jirriżulta li d-data tal-ħatra ta' Vassallo u Said fil-grad ta' Tenent Kurunell kienet l-ewwel ta' Settembru 2003 u l-ewwel ta' Lulju, 2010 rispettivament, minn ħarsa lejn it-titolu ta' dak id-dokument, jidher ċar kif dik il-lista tirrifletti dak li kien ġie deċiż mill-Bord dwar l-Investigazzjoni ta' Inġustizzji, żmien wara li saret l-għażla mertu tal-ilment

[7] Ara b'eżempju l-premessa ta' qabel tal-aħħar fl-ewwel paġna tar-rikors maħluf, paġ. 1 tal-proċess.
[8] Ara l-affidavit tal-appellant, f'paġġ. 85-6 tal-proċess.
[9] Ara 'Dok MM1A', f'paġ. 204 tal-proċess.

tal-appellant[10]. Dwar dan, il-Kurunell Mark Mallia fisser li, fiż-żmien rilevanti li fih saru l-promozzjonijiet li dwarhom hija din il-kawża, id-data tal-ħatra ta' Vassallo u Said fil-grad ta' Tenent Kurunell kienet dik tat-13 ta' Settembru, 2013[11]. B'mod partikolari, ingħata 'l wieħed x'jifhem ukoll li l-aġġustamenti fid-data tat-13 ta' Settembru, 2013, saru wara l-eżerċizzju ta' promozzjonijiet mertu ta' din il-kawża, u dan b'effett retroattiv fuq rakkomandazzjoni tal-Bord dwar l-Investigazzjoni tal-Inġustizzji[12]. Naturalment, fl-istħarriġ tal-kwistjoni tar-raġonevolezza, il-Qorti tista' tqis biss is-sitwazzjoni kif kienet fil-waqt li ttieħdet id-deċiżjoni mill-awtorità amministrattiva u għalhekk, fil-prinċipju, il-Qorti taqbel mal-appellant meta jgħid li l-Ewwel Qorti ma setgħetx tqis li Vassallo u Said kien ilhom iservu fil-grad ta' Tenent Kurunell għal aktar żmien minnu.

20. B'żieda ma' dan, il-Qorti taqbel ukoll mal-appellant meta jargumenta li l-Ewwel Qorti ma messhiex ħarset lejn dak li jipprovdi r-raba' paragrafu ta' regolament 37 tar-Regolamenti, li jirreferi għall-kriterju tat-tul ta' żmien kollu li wieħed ikun ilu jservi fl-Armata, u sewwasew dak li l-liġi tirreferi għalih bħala "*reckonable service*". Minkejja li n-nota marġinali ta' regolament 37 tirreferi għall-"*promozzjonijiet*", l-appellant għandu raġun jgħid li d-dispożizzjonijiet ta' dak ir-regolament m'għandhomx jgħoddu għal uffiċjali bħal Said u Vassallo, għaliex dak ir-

[10] *Ibid.*
[11] Ara 'Dok MM2', f'paġ. 202 tal-proċess.
[12] Ara x-xhieda tal-Kurunell Mark Mallia, f'paġ. 192 tal-proċess.

regolament jaqa' taħt it-Tieni Taqsima tar-Regolamenti li tirregola l-"*Irġiel*" li skont it-tifsira li tingħata fl-artikolu 2 tal-Att Dwar il-Forzi Armati (il-Kap. 220 tal-Liġijiet ta' Malta) jinkludu: "*warrant officer, uffiċjal bla kummissjoni u suldat*". L-"*uffiċjali*", bħal Said u Vassallo, huma regolati fl-Ewwel Taqsima tar-Regolamenti u peress li f'dik it-Taqisma hemm regolament speċifiku dwar il-promozzjonijiet[13] u dak ir-regolament ma jirreferix għall-kriterju tar-"*reckonable service*", l-Ewwel Qorti ma kellhiex tieħu qies ta' dak l-element.

21. Jista' għalhekk jingħad li, għalkemm Said u Vassallo kienu daħlu fil-Forzi Armati ta' Malta snin qabel l-appellant[14], fiż-żmien tal-promozzjoni mertu tal-kawża l-appellant kellu aktar "*anzjanità*" minn Said u Vassallo fil-grad ta' Tenent Kurunell. F'dan ir-rigward, għalhekk, l-aggravju tal-appellant huwa tajjeb.

22. Dan il-fatt waħdu ma jistax però jkun ta' fejda għall-appellant u dan għaliex, kif qegħdin jgħidu sewwa l-appellati, il-kriterju tal-"*anzjanità*" huwa biss wieħed mit-tliet kriterji li skont regolament 6(1) tar-Regolamenti għandhom jitqiesu għall-għanijiet ta' promozzjoni ta' uffiċjali bħall-appellant, Vassallo u Said. Iż-żewġ kriterji l-oħra huma dawk dwar: l-*"effiċjenza"*, u "l-*"għażla biex timtela l-vakanza"*[15].

---

[13] Regolament 6(1) tal-L.S. 220.03.
[14] L-appellant daħal fl-Armata fil-14 ta' Ġunju, 1993, filwaqt li Pierre Vassallo u Mark Said daħlu fl-Armata fid-19 ta' Novembru, 1986, u fil-24 ta' Lulju, 1985, rispettivament. (Ara 'Dok MM1', f'paġ. 201 tal-proċess).
[15] Regolament 6(1) tal-L.S. 220.03.

23. Għalkemm huwa minnu li l-esperjenza għandha l-ħabta li tagħmel lil dak li jkun aktar effiċjenti f'xogħlu u ġeneralment tgħin biex ittejjeb il-ħiliet tal-individwu, madankollu wieħed ma jistax jirraġuna li għaliex huwa jkun ilu jservi f'ċertu grad għal aktar żmien mill-kollegi tiegħu, mela allura huwa bilfors aqwa jew aħjar minn sħabu u għalhekk huwa jkun l-aktar kandidat li jistħoqqlu jagħmel qabża oħra fil-karriera tiegħu. Mingħajr ma hemm għalfejn jingħad, li kieku l-leġislatur ried li l-"*anzjanità*" fil-grad għandha tiddetermina min għandu jieħu l-promozzjonijiet fil-Forzi Armati ta' Malta, il-leġislatur ma kienx sejjer iżid il-kriterji tal-*"effiċjenza"* u *"l-għażla biex titmela l-vakanza".* Għalkemm huwa rilevanti, il-kriterju tal-"*anzjanità*" waħdu m'huwiex għalhekk fattur determinanti dwar min għandu jkun promoss, u dan sakemm l-għażla ma tkunx ser issir bejn tnejn jew aktar uffiċjali li jkunu f'kollox indaqs, f'dawk li huma attribwiti tal-*"effiċjenza"* u l-*"għażla biex timtela l-vakanza"*[16].

24. B'dan kollu f'moħħha, wara li rat sewwa dak kollu li hemm fl-atti tal-kawża, il-Qorti jidhrilha li f'dan il-każ l-appellant ma seħħlux jipprova li huwa kellu kwalitajiet indaqs jew aħjar minn dawk ta' Said u Vassallo, u għalhekk imbilli Said u Vassallo kellhom ħafna anzjanità anqas minnu fil-grad ta' Tenent Kurunell, ma jfissirx li l-promozzjoni tagħhom għall-Kurunell kienet bilfors waħda irraġonevoli jew inkella *'ultra vires'* fit-termini

[16] PA. **7.7.2004**, fil-kawża fl-ismijiet ta' ***Francis Borġ Falzon v. Kmandant tal-Forzi Armati ta' Malta*** (Ċit. 333/1993/1TM) (mhux appellata).

tal-artikolu 469A(1)(b) tal-Kodiċi ta' Organizzazzjoni u Proċedura Ċivili.

25. Huwa mifhum li meta tintalab tistħarreġ għemil amministrativ fit-termini tal-artikolu 469A(1)(b) tal-Kap. 12, il-Qorti trid tara li dak l-għemil ikun twettaq sewwa. B'dan wieħed jifhem li: (a) l-għemil ikun sar taħt jew bis-saħħa ta' liġi, (b) minn persuna jew awtorità li tkun ingħatatilha mil-liġi dik is-setgħa, u (ċ) li hi u twettaq tali setgħa, dik il-persuna jew dik l-awtorità tkun inqdiet biha b'mod li ma tużahiex ħażin jew għal għanijiet mhux xierqa[17]. Fejn it-twettiq ta' xi setgħa jġib miegħu l-użu ta' diskrezzjoni, il-liġi trid ukoll li dik id-diskrezzjoni tissejjes fuq kunsiderazzjonijiet rilevanti.

26. Fil-fehma tal-Qorti, f'dan il-każ, ma jistax jingħad li l-ewwel żewġ elementi m'humiex sodisfatti.

27. Ibda biex hi l-liġi stess li tgħid li, mill-grad ta' Kurunell 'il fuq, in-nomini għal dawk il-pożizzjonijiet fl-Armata *"għandhom isiru mill-Ministru"*[18]. Mill-ġabra sħiħa ta' provi jirriżulta li kien il-Ministru appellat innifsu li innomina lil dawk l-uffiċjali tal-Armata li kellhom jiġu elevati għall-grad ta' Kurunell[19], u għalhekk l-għemil amministrattiv li dwaru hija din it-

[17] PA. **26.3.2009**, fil-kawża fl-ismijiet ta' ***Henry Calleja v. Kummissarju tal-Artijiet*** (Ċit. 34/1998/1) (mhux appellata).
[18] Reg. 4(1)(a) tal-L.S. 220.03.
[19] Ara f'dan il-qafas: (i) ix-xhieda ta' Dott. Emmanuel Mallia, tas-27 ta' Ġunju, 2017, f'paġ. 144 tal-proċess, kif ukoll dik tal-15 ta' Novembru, 2017, f'paġ. 167 tal-proċess; u (ii) ix-xhieda ta' Silvio Scerri li ngħatat waqt is-smigħ tat-18 ta' Ottubru, 2018, f'paġ. 221 tal-proċess.

tilwima twettaq kemm bis-saħħa tal-liġi kif ukoll minn min kien awtorizzat mil-liġi li jwettqu.

28. Dwar it-tielet kriterju msemmi hawn fuq, naturalment, il-fatt li l-liġi tagħti lill-Ministru s-setgħa li jinnomina lil dawk l-uffiċjali li għandhom jinħatru fil-grad ta' Kurunell 'il fuq, ma jfissirx li l-Ministru jista' jaqbad u jagħżel lil min ifettillu. Bħalma jitlob it-twettiq ta' kull għemil amministrattiv, f'każijiet bħal dawn il-Ministru għandu d-dmir li jwettaq is-setgħat diskrezzjonali tiegħu kemm fl-aħjar interess tal-kotra b'mod ġenerali, kif ukoll b'rispett sħiħ lejn dak kollu li tgħid il-liġi li tagħtih dik is-setgħa. Bħal kull eżerċizzju ieħor ta' setgħa diskrezzjonali, id-deċiżjoni tal-Ministru, dwar lil min jaħtar fil-grad ta' Kurunell, għandha għalhekk dejjem tkun imnebbħa minn konsiderazzjonijiet rilevanti, u fl-istess waqt b'ħarsien sħiħ tal-prinċipji tar-raġonevolezza u tal-ħaqq. Tassew, huwa mgħallem fid-duttrina li:

> *"A person in whom is vested a discretion must exercise his discretion upon reasonable grounds. A discretion does not empower a man to do what he likes merely because he is intended to do so – he must not in the exercise of his discretion do what he likes but what he ought. In other words, he must by the use of his reason ascertain and follow the course which reason directs. He must act reasonably. [...] Virtually, all administrative decisions are rational in the sense that they are given for intelligible reasons, but the question then is whether they measure up to the legal standard of reasonableness within which the deciding authority has genuinely free discretion. If it passes those bounds, it acts ultra vires".*[20]

29. Huwa magħruf sewwa li fi kwestjonijiet dwar jekk l-awtorità

[20] **HWR Wade & CF Forsyth**, *Administrative Law* (10th. Edit.), paġġ. 295 – 6

amministrattiva tkunx wettqet is-setgħat diskrezzjonali tagħha b'ħarsien sħiħ tal-kriterji tar-raġonevolezza u tal-ħaqq, il-Qorti għandha tapplika kejl oġġettiv, u dan sabiex tħalli lil dik l-awtorità amministrattiva tgawdi mill-firxa sħiħa ta' għażliet li l-leġislatur preżumbilment ikun dehrlu li għandu jħalli f'idejha[21]. Għaldaqstant, filwaqt li deċiżjonijiet assurdi kappriċċjużi u mingħajr għaqal jew dehen ma jistgħux jitqiesu bħala leġittimi u raġonevoli, min-naħa l-oħra, jekk deċiżjoni tkun taqa' fil-limiti tar-raġonevolezza, dik id-deċiżjoni għandha tiġi rispettata kemm mill-Qorti kif ukoll minn dawk kollha li tolqothom[22].

30. Sfiq ma' dan, huwa wkoll mifhum li x-xiber li għandha tuża l-Qorti meta tiġi biex tqis ir-raġonevolezza ta' deċiżjoni amministrattiva li dwarha jkun qiegħed jitressaq ilment, huwa dak dwar jekk tali deċiżjoni kinitx mistennija li ttieħed minn persuna raġonevoli[23]. Dan it-test tar-raġonevolezza, li l-appellant qiegħed jirreferi għalih bħala l-*'Wednesbury test',* jeħodna lura għall-każ ta' ***'Associated Provincial Picture Houses Ltd v Wednesbury Corporation'***[24] li fih Lord Greene semma bħala kriterju li l-għemil li dwaru jkun qiegħed isir l-ilment irid ikun *"so absurd that no sensible man could ever dream that it lay within the powers of the*

[21] PA. **24.10.2022**, fil-kawża fl-ismijiet ta' ***MMC Consultancy Limited v. Malta Financial Services Authority*** (Ċit. 540/2021) (mhux appellata).
[22] App. Ċiv. 19.10.2023, fil-kawża fl-ismijiet ta' ***Kenneth Mamo v. L-Awtorità Għat-Transport f'Malta*** (App. 711/2021/1).
[23] *Ibid.* Ara wkoll: PA. **30.1.2020,** fil-kawża fl-ismijiet ta' ***Maġġur Ivan Consiglio v. L-Onorevoli Prim' Ministru et.*** (Ċit 446/08) (mhux appellata.)
[24] [**1947**] EWCA Civ 1; [**1948**] 1 KB 223 (Wednesbury).

*authority"*[25]. Fis-sentenza fil-każ ta' '***Council of Civil Service Unions v. Minister for the Civil Service***'[26], Lord Diplock kompla jfisser dan il-kunċett billi qal li l-*'Wednesbury unreasonableness'* tapplika għal dawk id-deċiżjonijiet li jkunu "*so outrageous in its defiance of logic or of accepted moral standards that no sensible person who had applied his mind to the question to be decided could have arrived at it*"[27].

31. Lura għall-każ tagħna, sabiex il-Qorti tkun tista' tistħarreġ jekk l-għemil li qiegħed jilmenta dwaru l-attur kienx imsejjes fuq kunsiderazzjonijiet rilevanti jew inkella jaqax fil-parametri tal-*'Wednesbury unreasonableness'*, il-Qorti trid ta' bilfors tfittex x'kienu dawk l-għanijiet u l-kunsiderazzjonijiet li wasslu lill-Ministru appellat biex jagħti l-promozzjoni lil Vassallo u Said minflok lill-appellant. Fil-fehma tal-Qorti, l-aħjar prova dwar dan hija x-xhieda tal-Ministru stess.

32. F'dan il-każ il-Ministru fisser li l-eżerċizzju ta' promozzjonijiet fil-Forzi Armati ta' Malta għall-grad ta' Kurunell skatta hekk kif huwa kien mgħarraf mill-*'establishment'* tal-Armata li kien hemm seba' vakanzi fil-grad ta' Kurunell, u li dawn kienu f'taqsimiet differenti tal-Armata, fosthom dawk tar-riżorsi umani, tal-finanzi, tal-affarijiet internazzjonali, tal-operazzjonijiet (*'operations'*), u tat-taħriġ[28]. Ta' min jgħid li kull Kurunell li

---

[25] *Ibid.*
[26] **[1985] AC 374, [1985] ICR 14**
[27] *Ibid.*
[28] Ara x-xhieda ta' Dott. Emmanuel Mallia, mogħtija waqt is-smigħ tas-27 ta' Ġunju, 2017, f'paġ. 143 tal-proċess.

kien sejjer jintgħażel f'dak l-eżerċizzju ta' promozzjoni kien ser ikun responsabbli mit-tmexxija tat-taqsima rispettiva tal-Armata li fiha kien ser ikun impoġġi[29].

33. Il-Ministru kompla jixhed li, huwa u jagħżel l-uffiċjali li kellhom jiġu elevati għall-Kurunell, huwa ma waqafx mal-kriterju tal-"*anzjanità*", iżda qies ukoll il-kriteriji tal-"*effiċjenza*" u tal-"*għażla biex timtela l-vakanza*" billi wiżen min fost liema kandidati prospettivi kellhom l-aqwa esperjenza u l-aħjar kwalifiki, b'rilevanza speċifika għal kull taqsima rispettiva tal-Armata li fiha l-post għall-grad ta' Kurunell kien battâl[30]. Fid-dawl ta' dan, il-Ministru saħaq li huwa u jwettaq l-eżerċizzju tan-nomina ta' dawk l-uffiċjali li kellhom jiġu promossi għall-grad ta' Kurunell, huwa żamm dejjem f'moħħu t-tliet kriterji mitluba mil-liġi u għalhekk insista li huwa mexa mal-liġi[31].

34. Fil-konkret, dwar il-ħatra ta' Pierre Vassallo, il-Ministru xehed li huwa għażel lil dan sabiex jimla l-vakanza għal Kurunell responsabbli mit-tmexxija tat-taqsima tal-loġistika, għar-raġuni li Vassallo kien dejjem serva f'dik it-taqsima tal-Armata, u għalhekk deherlu li dan kien l-aktar

---

[29] *Ibid.* Għal sfond dwar kif inhi mmexxija l-Armata u t-taqsimiet rispettivi li għandha, hija ta' rilevanza x-xhieda tal-Brigadier Jeffery Curmi, mogħtija waqt is-smigħ tas-26 ta' Frar, 2019, f'paġġ. 272-3 tal-proċess.
[30] Ara x-xhieda ta' Dott. Emmanuel Mallia, mogħtija waqt is-smigħ tas-27 ta' Ġunju, 2017, f'paġġ. 144-5 tal-proċess, kif ukoll ix-xhieda tal-istess Dott. Emmnauel Mallia, mogħtija waqt is-smigħ tal-15 ta' Novembru, 2017, f'paġ. 154 tal-proċess.
[31] *Ibid.* (27.06.2017), f'paġ 144-5.

kandidat maħluq għal hemmhekk[32]. Ta' min jgħid li din l-esperjenza ta' Vassallo fit-taqsima tal-Loġistika tal-Armata, ġiet ikkonfermata kemm mill-Brigadier Jeffrey Curmi[33], kif ukoll il-Kurunell Mark Mallia,[34] li xehdu kif Vassallo kien ilu sa mill-1985 f'dik it-taqsima. Fuq kollox, l-appellant stess ikkonferma li *"Pierre Vassallo kien dejjem fil-branka tal-loġistika"*[35], u għalkemm qal li ġieli kellu xi xogħol li jmiss mal-qasam tal-loġistika u li kien jaħdmu u jiddiskutih ma' Vassallo, fl-istess nifs, l-appellant stess stqarr li huwa kien stazzjonat fil-Kwartieri Ġenerali tal-Forzi Armati *"f'qasam ieħor"*[36]: iġifieri mhux l-istess bħal dak tal-loġistika. L-esperjenza li l-appellant kellu fil-qasam tal-loġisitika ma kinitx għalhekk aqwa jew almenu daqs dik li kellu Vassallo.

35. Sa fejn imbagħad għandha x'taqsam il-ħatra ta' Mark Said bħala Kurunell fit-taqsima tat-taħriġ, il-Ministru mbagħad fisser li huwa kien għażel lil dan billi huwa kien jaħdem u kellu esperjenza twila fit-taqsima tal-ajru[37].

36. Il-fatt li Said kellu esperjenza fil-qasam tal-ajru, ma ħarġitx biss mix-

---

[32] Ara x-xhieda ta' Dott. Emmanuel Mallia, mogħtija waqt is-smigħ tal-15 ta' Novembru, 2017, f'paġ. 157 tal-proċess.
[33] Ara x-xhieda tal-Brigadier Jeffery Curmi, mogħtija waqt is-smigħ tal-10 ta' April, 2019, f'paġ. 282 tal-proċess.
[34] Ara x-xhieda tal-Kurunell Mark Mallia, mogħtija waqt is-smigħ tal-15 ta' Marzu, 2018, f'paġ. 195 tal-proċess.
[35] Ara l-kontro-eżami tal-attur, li sarlu waqt is-seduta tal-4 ta' Ġunju, 2019, f'paġ. 309 tal-proċess.
[36] *Ibid.*
[37] Ara x-xhieda ta' Dott. Emmanuel Mallia, mogħtija waqt is-smigħ tal-15 ta' Novembru, 2017, f'paġ 157 tal-proċess.

xhieda tal-Ministru. Pereżempju fir-rapport tal-Ombudsman hemm dokumentat li Said huwa "*a qualified pilot and was second in command of the Air Wing AFM from 11th January 2007. He participated in various operations connected with the Canale Exercises*"[38]. Bl-istess mod, il-Kurunell Mallia u l-Brigadier Curmi fissru li, qabel ma ħa l-promozzjoni mertu ta' din il-kawża, Said għamel karriera twila bħala pilota, kien '*instructor pilot'* u, minbarra li fissruh bħala pilota tajjeb ħafna, qalu li dan kien serva f'numru ta' karigi fit-taqsima tal-ajru[39]. Fl-aħħar u mhux l-inqas, huwa u jixhed fil-kontro-eżami, l-appellant stess stqarr li "*Mark Said [...] dejjem kien fil-air-wing, kemm bħala second in command kif ukoll perjodu qasir bħala commanding officer*"[40]. Fl-istess kontro-eżami, l-appellant issokta jfisser li, għalkemm huwa kien ħadem ma' Said fuq diversi proġetti dwar it-taħriġ, huwa però qatt ma kien ħadem fit-taqsima hekk imsejħa bħala tal-*'air-wing'*[41].

37. Ir-relevanza tal-esperjenza fil-qasam tal-ajru għat-tmexxija tat-taqsima tat-taħriġ tal-Forzi Armati ta' Malta tfissret kemm mill-Ministru appellat, kif ukoll mill-Brigadier Curmi. Dwar dan, il-Ministru appellat fisser li, f'dawk iż-żminijiet, l-Armata kienet ser iġġib *helicopters* u ajruplani ġodda, u għalhekk hija kellha bżonn li tħarreġ lin-nies tagħha

[38] F'paġ. 449 tal-proċess.
[39] Ara x-xhieda tal-Kurunell Mark Mallia, mogħtija waqt is-smigħ tal-15 ta' Marzu, 2018, f'paġ. 195 tal-proċess, u dik tal-Brigadier Jeffrey Curmi tal-10 ta' April 2019, f'paġ. 282 tal-proċess.
[40] Ara l-kontro-eżami tal-appellant, li sarlu waqt is-smigħ tal-4 ta' Ġunju, 2019, f'paġ. 309 tal-proċess.
[41] *Ibid.*

f'dak il-qasam[42]. Min-naħa tiegħu, il-Brigadier Curmi kompla jfisser ir-rabta sfiqa bejn it-taqsima tat-taħriġ u dik tal-ajru tal-Armata hekk kif dan xehed li l-parti l-kbira tal-flejjes allokati lill-Forzi Armati ta' Malta għat-taħriġ imorru għat-taqsima tal-ajru, b'mod partikolari għat-taħriġ tal-piloti, inġiniera u tekniċi tal-ajruplani[43]. Għandu jingħad li l-appellant ma miera la l-verżjoni tal-Ministru u lanqas dik tal-Brigadier Curmi u, f'ċirkustanzi bħal dawn, ma jistax jingħad li l-kunsiderazzjoni tal-Ministru dwar il-ħtieġa fl-esperjenza fil-qasam tal-ajru għall-vakanza ta' Kurunell responsabbli mit-taqsima tat-taħriġ tal-Armata, kienet xi konsiderazzjoni irrelevanti.

38. Minbarra li ma jirriżultax li l-appellant kellu x-xorta ta' esperjenza bħalma kellhom Vassallo u Said fit-taqsima tal-loġistika u tal-ajru rispettivament, għandu wkoll jingħad li l-appellant lanqas ma wera li huwa kellu aktar kwalifiċi relevanti minn Vassallo u Said. Dwar dan, minkejja li fl-affidavit tiegħu l-appellant kiteb li ma setax kellu kwalifiċi inferjuri minn dawn it-tnejn[44], meta sarlu l-kontro-eżami, waqqa' dan kollu billi qal li huwa ma kellux aċċess għall-kwalifiċi li seta' kellu ħaddieħor u għalhekk ma kienx f'qagħda li jissostanzja l-allegazzjoni li kien għamel[45]. M'hemmx xi ngħidu, kien jaqa' fuqu d-dmir li jressaq provi tajba biżżejjed li bihom juri kif huwa kien kwalifikat daqs jew aktar minn Vassallo jew Said biex

[42] Ara x-xhieda ta' Dott. Emmanuel Mallia, mogħtija waqt is-smigħ tal-15 ta' Novembru, 2017, f'paġ 157 tal-proċess.
[43] Ara x-xhieda tal-Brigadier Jeffrey Curmi, mogħtija waqt is-smigħ tal-10 ta' April 2019, f'paġ. 282 tal-proċess.
[44] Ara l-affidavit tal-appellant, f'paġ. 86 tal-proċess.
[45] Ara l-kontro-eżami tal-appellant li sarlu waqt is-seduta tal-4 ta' Ġunju, 2019, f'paġ. 309 tal-proċess.

jintgħażel bħala Kurunell fit-taqsima tal-loġisitika jew tat-taħriġ rispettivament, qabel ma seta' allura jkun f'qagħda li, f'dan ir-rigward, jgħid li ma kienx ittrattat kif kellu jkun. Kif ingħad, l-appellant naqas li jressaq din il-prova.

39. Lanqas ma jista' jitħalla barra l-fatt li, meta ġew nominati għall-promozzjoni ta' Kurunell, kemm Vassallo kif ukoll Said kienu teknikament fl-istess grad (*'rank'*) li kien fih l-appellant u sewwasew dak ta' Tenent Kurunell. Għalkemm huwa minnu li l-appellant kien ilu ħafna aktar minn dawn it-tnejn f'dak il-grad, kif rajna, dan il-fatt waħdu huwa rilevanti biss għall-kriterju tal-*"anzjanità",* u la ma hemm xejn fil-liġi u lanqas fil-proċeduri interni tal-Armata li jistabilixxi xi żmien minimu li fih uffiċjal għandu jdum iservi fil-grad ta' Tenent Kurunell qabel ma jkun eliġibbli għall-promozzjoni ta' Kurunell[46], il-Ministru appellat ma kellu xejn xi jżommu milli jikkunsidra u, fl-aħħar mill-aħħar, jagħżel lil Vassallo u Said għal dik il-promozzjoni.

40. Ġaladarba Vassallo u Said kienu eliġibbli għall-promozzjoni u ntwera li dawn kellhom dawk il-kwalitajiet rilevanti sabiex iservu bħala Kurunell responsabbli mit-taqsimiet tal-loġistika u tat-taħriġ rispettivament, il-Qorti ma tistax taqbel mal-appellant li d-deċiżjoni dwar

[46] Ara: (i) ix-xhieda tal-Kurunell Mark Mallia, mogħtija waqt is-smigħ tal-15 ta' Marzu, 2018, f'paġ. 199 tal-proċess; (ii) l-affidavit tas-Segretarju Permanenti Kevin Mahoney, 'Dok KM', f' paġ. 234 tal-proċess; u (iii) x-xhieda kif ukoll il-kontro-eżami tal-Brigadier Jeffrey Curmi, f'paġni 285-6, u 330 tal-proċess, rispettivament.

il-promozzjoni tagħhom tista' b'xi mod jew ieħor titqies irraġonevoli, jew inkella li ma kinitx imsejsa fuq kunsiderazzjonijiet rilevanti.

41. L-ewwel aggravju qiegħed għalhekk jiġi **miċħud**;

42. Fit-**tieni aggravju** l-appellant jixħet imbagħad ħarstu lejn dik il-parti tas-sentenza appellata li fiha l-Ewwel Qorti wettqet analiżi tal-kwalifiki u indikaturi ta' esperjenza li għandu hu meta mqabbla ma' dawk ta' Jeffrey Curmi u Mark Mallia. Jgħid li dik l-analiżi twettqet fuq tagħrif li tressaq fl-atti mill-uffiċċju tar-*'records'* tal-Forzi Armati ta' Malta li jaqa' taħt it-tmexxija ta' Mark Mallia nnifsu. F'dan l-isfond jilmenta li, filwaqt li fil-każ tiegħu issemmew ħdax-il kwalifika biss meta huwa fil-fatt kellu mill-inqas għoxrin kwalifika oħra li allegatament qegħdin fil-fajl personali tiegħu u li ma tressqux fl-atti tal-kawża, min-naħa l-oħra, fil-każ ta' Mark Mallia, tressqu anke sempliċiment ittri ta' apprezzament bħala kwalifiki. Iżid jilmenta li l-Ewwel Qorti lanqas għamlet evalwazzjoni tal-kwalità ta' dawk il-kwalifiki "*bi studju ta' tliet snin u nofs f'diversi skejjel millitari fil-Ġermanja jitqies bl-istess kejl ta' kors ta' 4 ġimgħat f'Malta*".

43. Fil-fehma tal-Qorti dan l-aggravju huwa manifestament infondat u jxaqleb lejn il-fieragħ.

44. Fl-ewwel lok, fil-qagħda tiegħu bħala attur f'din il-kawża, kien jaqa'

fir-responsabiltà tiegħu li jressaq dawk il-provi kollha li deherlu li setgħu jkunu rilevanti sabiex isostni dak li qal: fosthom li huwa kellu kwalifiki ndaqs jew aħjar minn dawk l-erba' uffiċjali li qiegħed jilmenta dwar il-promozzjoni tagħhom[47]. Għar-raġunijiet li jaf hu, u minkejja li fil-kontro-eżami huwa stess qal li kellu aċċess għall-fajl personali tiegħu li fih hemm kopja tal-kwalifiki kollha tiegħu[48], l-appellant ma ressaq l-ebda prova konkreta tal-kwalifiki li għandu u ħalla f'idejn l-imħarrkin biex ressqu dik il-prova. Ir-responsabiltà għal dan in-nuqqas m'għandu jerfagħha ħadd ħlief l-appellant innifsu.

45. Fit-tieni lok, imkien mill-atti ma jirriżulta li l-appellant għandu 'minn tal-inqas għoxrin kwalifika oħra' bħalma qiegħed jgħid issa. L-appellant messu jaf li *'quod non est in actis non est in mundo'*, u f'kull każ kien dmiru li jifli sewwa l-atti tal-kawża u jiġbed l-attenzjoni tal-Ewwel Qorti dwar dak li qiegħed jgħid issa. Din il-Qorti fliet sewwa l-atti tal-kawża u tgħid li mkien ma jirriżulta li l-appellant ilmenta li l-intimati ma kinux ressqu kopja tal-kwalifiki kollha li kellu fil-fajl personali tal-Armata. Il-Qorti ma tistax għalhekk tlum lill-Ewwel Qorti li qagħdet fuq dak li hemm fl-atti u, bħal dik il-Qorti, din il-Qorti tista' biss toqgħod fuq dak li hemm fl-atti.

46. Fit-tielet lok, m'huwiex veru li l-Ewwel Qorti m'għamlitx

[47] Artikolu 562 tal-Kap. 12.
[48] Ara l-kontro-eżami tal-appellant li sarlu waqt is-seduta tal-4 ta' Ġunju, 2019, f'paġ. 309 tal-proċess.

evalwazzjoni tal-kwalità tal-kwalifiki li tressqu quddiemha, u wisq anqas li dik il-Qorti qieset xi studju ta' tliet snin u nofs fil-Ġermanja bl-istess kejl ta' kors ta' erba' ġimgħat f'Malta. Minn qari tal-partijiet relevanti tas-sentenza appellata,[49] jidher ċar li l-Ewwel Qorti ma qabditx u sempliċiment rat min għandu l-itwal lista ta' 'kwalifiki', iżda xtarret ukoll il-kontenut tagħhom, kif wieħed jista' jara mad-daqqa t'għajn mis-silta twila tas-sentenza appellata li ddaħħlet aktar 'il fuq f'din is-sentenza[50].

47. Pereżempju, hija u tagħmel il-konsiderazzjonijiet tagħha dwar il-promozzjoni ta' Mark Mallia bħala Kurunell responsabbli mit-taqsima tar-riżorsi umani fil-Forzi Armati ta' Malta, dik il-Qorti ħadet qies kemm tal-esperjenza, kif ukoll tal-kwalifiki relevanti li għandu Mallia fil-qasam li ntgħażel għalih. Kemm hu hekk, dik il-Qorti mhux biss qieset li, waqt ix-xhieda tiegħu, il-Ministru fisser li huwa għażel lil Mark Mallia għal Kurunell responsabbli mit-tmexxija tat-taqsima tar-riżorsi umani għaliex dan kien għamel karriera sħiħa f'dik it-taqsima[51], iżda rat ukoll li dan kien kwalifikat sewwa f'dak il-qasam, tant li kellu *'Diploma in Management Studies'*[52] u *'Masters in Business Administration'*[53]*,* li t-tnejn li huma kisibhom b'distinzjoni mill-Università ta' Malta[54]. Ta' min jgħid li l-Ewwel Qorti

[49] F'paġ. 701-2 tal-proċess.
[50] § 2 *supra*
[51] Ara x-xhieda ta' Dott. Emmanuel Mallia, mogħtija waqt is-smigħ tal-15 ta' Novembru, 2017, f'paġ. 156 tal-proċess. Ta' relevanza dwar l-esperjenza tal-Kurunell Mark Mallia fil-qasam tar-riżorsi umani hija x-xhieda tal-istess Mark Mallia, mogħtija waqt is-smigħ tal-15 ta' Marzu, 2018, f'paġġ. 192-4 tal-proċess.
[52] Ara 'Dok MMX3', f'paġġ. 579 sa 580 tal-proċess.
[53] Ara 'Dok MMX4' f'paġġ. 582-6 tal-proċess.
[54] F'paġġ.580 u 585, rispettivament.

saħansitra wkoll osservat li, fl-istudji tiegħu, Mallia għamel żewġ biċċiet tax-xogħol li huma ta' rilevanza speċifika għat-taqsima tar-riżorsi umani tal-Armata: wieħed bħala *'long-essay'* bl-isem ta' *"Re-training and Re-Allocation of Human Resources within the AFM"*[55], u l-ieħor teżi bl-isem ta' *"A Critical Analysis of the Selection and Recruitment Methods adopted by the Armed Forces of Malta"* li għalih kien ingħata l-grad ta' 'A'[56]. Kien fuq is-saħħa ta' dan kollu li l-Ewwel Qorti qieset li d-deċiżjoni li Mallia jkun promoss għal Kurunell ma setgħetx titqies bħala waħda irraġonevoli jew inkella diskriminatorja fil-konfront tar-rikorrent.

48. Sa fejn imbagħad għandha x'taqsam il-kompetenza ta' Jeffrey Curmi, l-Ewwel Qorti mhux biss rat li dan kellu lista ġmielha ta' kwalifiki li jifirxu fi tliet oqsma differenti, iżda wkoll ħadet qies tal-fatt li, sa ftit tax-xhur qabel ma' ngħata l-promozzjoni, hu kien ħa sehem fl-'Operazzjoni Atalanta' bħala '*Chief Intelligence Analyst'* u li l-ħidma tiegħu f'dik l-operazzjoni tfissret bħala 'impekkabbli'[57].

49. Fil-fehma tal-Qorti, ir-rapport li rriferiet għalih l-Ewwel Qorti tassew jitkellem waħdu dwar il-ħiliet personali u l-kwalitajiet li għandu Curmi. Kemm hu hekk, fit-30 ta' Mejju, 2013, uffiċjal mir-Renju Unit bl-isem ta' T.T.A. Lovering fisser il-prestazzjoni ta' Curmi bil-mod kif ġej:

---

[55] F'paġ 580 tal-proċess.
[56] F'paġ. 584 tal-proċess.
[57] F'paġ. 702 tal-proċess.

> *"Major Curmi has had an OUTSTANDING operational tour as the Chief Intelligence Analyst in the European Union Naval Force (EUNAVFOR) Operational Headquarters (OHQ). Responsible for ten staff examining image, human, open source, and national intelligence, he shone in a demanding and high tempo staff role. He effortlessly stepped into the Deputy Assistant Chief of Staff (Intelligence) role, and delivered first class briefs to the 2* Operational Commander, preparing detailed reports and presentations for the intelligence community. Sharp, insightful and wise, he made a great impact.*
>
> *"Major Curmi hit the ground running. As his direct reporting officer I have seen twenty officers in various positions during my role as ACOS CJ2, and Major Curmi not only excelled, but stood out amongst both peers and previous incumbents in **all** the intelligence posts.*
>
> *[…]*
>
> *"Major Curmi clearly has the brightest of futures. His drive, devotion to duty, desire to ensure the very highest of professional and moral standards combined with his clear intelligence, has significantly enhanced not only the intelligence team but OP ATALANTA mission. His greatest strength is his ability to not only focus on what needs to be done, but the ability to anticipate and deliver. Major Curmi is an outstanding ambassador for Malta and an extremely capable officer. He will be greatly missed"*[58]

50. Meta wieħed iqis l-effiċjenza dokumentata li tirriżulta mir-rapport li għadha kif issemmiet, flimkien mal-lista mdaqqsa ta' kwalifiki u korsijiet oħrajn li segwa Curmi matul il-karriera tiegħu f'għadd ta' oqsma tal-millitar, u dan qabel ma' ttella' għall-grad ta' Kurunell[59], din il-Qorti bħall-Ewwel Qorti tħoss li l-ħatra ta' Curmi għall-grad ta' Kurunell ma tistax titqies bħala irraġonevoli.

51. L-istess jgħodd għall-promozzjoni tal-Kurunell Mark Mallia, li, kif

[58] F'paġ. 552 tal-proċess. L-enfasi m'huwiex tal-Qorti iżda ta' T.T.A Lovering innfisu.
[59] Ara 'Dok JCX1 sa JCX43, f'paġġ. 505 sa 572 tal-proċess.

sewwa osservat l-Ewwel Qorti, mill-provi jirriżulta li huwa kellu kemm l-esperjenza meħtieġa kif ukoll il-kwalifiki rilevanti sabiex jintgħażel bħala Kurunell għat-taqsima tar-riżorsi umani tal-Armata.

52. Bilkemm hemm għalfejn jingħad li biex l-appellant seta' jipprova l-kawżali tiegħu dwar it-trattament diskriminatorju u l-irraġonevolezza fil-ħatra ta' Curmi u Mallia fil-grad ta' Kurunell minfloku, huwa kellu minn tal-inqas juri li kellu kwalifiki li jitqabblu ma' dawk ta' Curmi u Mallia, u li huwa kellu wkoll l-esperjenza li hija tal-istess livell jew ogħla b'rilevanza għall-qasam li nħatru fih Curmi u Mallia, rispettivament. Bħalma ġara fil-każ ta' Vassallo u Said, l-appellant ma seħħlux jipprova dan, u għalhekk fil-każ tal-promozzjoni ta' Jeffrey Curmi u Mark Mallia, din il-Qorti ma ssib xejn li huwa diskriminatorju jew irraġonevoli fin-nomina ta' dawn it-tnejn għall-promozzjoni ta' Kurunell.

53. Għal dawn ir-raġunjiet kollha, it-tieni aggravju qiegħed ikun wkoll **miċħud**.

54. Jifdal it-**tielet aggravju** li fih l-appellant qiegħed jilmenta li l-Ewwel Qorti naqset milli tqis sewwa r-raġonevolezza tal-promozzjonijiet fil-kuntest sħiħ li fih saru. Jibda billi jgħid li l-Ewwel Qorti ma kellhiex 'tinjora' r-rapport tal-Ombudsman u dan għaliex, minkejja li dak ir-rapport *"ma jikkunsidrax l-istess ġeneru ta' fatti li bihom l-ewwel Onor. Qorti kienet*

*rinfaċċjata"* billi l-gradi konċernati kienu differenti, madankollu dak ir-rapport juri 'l-ambjent' li fih kienu qed isiru l-promozzjonijiet fil-Forzi Armati ta' Malta. Fid-dawl ta' dan, jirraġuna li dak ir-rapport kellu jikkonviċi lill-Ewwel Qorti li l-eżerċizzju ta' promozzjonijiet li qiegħed jilmenta dwaru ma setax jitqies raġonevoli.

55. L-appellant jixħet imbagħad ħarstu fuq il-promozzjonijiet konsekuttivi li gawda minnhom Jeffery Curmi u jgħid li dan saħanistra kien spiċċa dik is-sena li fiha ngħata l-promozzjoni ta' Kurunell, fil-grad ta' Birgadier. Skont l-appellant, din il-qabża kbira li kellu Curmi fil-karriera tiegħu fl-Armata fi żmien qasir ħafna hija ħaġa li ma tiġri fl-ebda post tax-xogħol ieħor u għalhekk hija "*so unreasonable that no reasonable authority could ever have come to it*".

56. Jissokta billi jirreferi għat-tibdil li jgħid li sar fl-SRAAC u jgħid li dan sar sabiex persuni li kellhom *'deployments'* barra minn Malta ma jingħatawx daqshekk punti fl-evalwazzjoni tagħhom. F'dan ir-rigward, ifakkar li huwa kellu tliet *'deployments'* barra minn Malta, u jilmenta li l-Ewwel Qorti ma tatx kas li l-SRAAC setgħet ġiet emendata sewwasew biex huwa ma jingħatax daqshekk punti fl-evalwazzjoni tiegħu. F'dan il-qafas jgħid li l-Ewwel Qorti messha qieset li, minkejja li l-promozzjonijiet ma kinux aċċellarati, "*on the face of it"*, fis-sewwa dak li sar kien sewwasew hekk, mingħajr ma ssejjaħ hekk.

57. Iżid li l-Ewwel Qorti ma tat l-ebda piż għall-fatt li x-xhieda ta' Silvio Xerri dwar il-konsultazzjoni mal-Brigadier Martin Xuereb kienet kontradetta minn Xuereb stess, u jżid li dan tal-aħħar saħansitra fisser kif huwa kien sar jaf biss bil-promozzjonijiet mertu tal-kawża mill-Gazzetta tal-Gvern. Skont l-appellant, dik il-Qorti messha emmnet lil Xuereb għaliex, b'differenza għax-xhieda tal-appellati, dan ma kellu l-ebda interess fil-kwistjoni billi meta xehed huwa kien ilu minn tal-anqas tliet snin li spiċċa mis-servizz fil-Forzi Armati ta' Malta.

58. Flimkien ma' dan kollu, jilmenta wkoll li l-Ewwel Qorti żbaljat fil-ġudizzju tagħha meta qieset li l-promozzjonijiet saru skont il-liġi, u f'dan ir-rigward jisħaq li l-fatti speċifiċi tal-każ juru kif kien hemm użu ħażin tad-diskrezzjoni min-naħa tal-imħarrkin li wassal għal deċiżjoni li kienet manifestament ħażina. Jargumenta li, bil-mod ta' kif imxew l-imħarrkin, u sewwasew mill-promozzjoni minn Maġġur għal Tenent Kurunell, u minn Tenent Kurunell għal Kurnell f'temp ta' ġimagħtejn, *"mingħajr l-ebda raġuni jew ħjiel ta' raġuni għal dan"* ma jistax ħlief ikun deskritt bħala eżerċizzju ħażin tal-poter.

59. Itemm billi jgħid li t-talbiet tiegħu għandhom jintlaqgħu u li bħala rimedju huwa għandu: (i) jitqies li kien promoss għall-grad ta' Kurunell fid-data li fiha ġew promossi l-individwi li qiegħed jattakka l-promozzjoni

tagħhom, (ii) jitħallas l-arretrati ta' paga u *'allowances'*, u (iii) li jkunu aġġustati d-drittjiet tal-pensjoni tiegħu bl-istess mod.

60. Ikkunsidrat li l-qofol ta' dan l-aggravju jistrieħ fuq il-premessa li, mill-ġabra sħiħa ta' provi, l-Ewwel Qorti kellha tasal għall-konklużjoni li l-appellati użaw id-diskrezzjoni tagħhom b'mod ħażin u, fi kliem ieħor, b'mod li ma jistax jitqies bħala raġonevoli, il-Qorti tqis li hawnhekk jgħodd dak li ngħad aktar qabel u sewwasew li r-riga li għandha tuża l-Qorti biex tkejjel ir-raġonevolezza ta' deċiżjoni li dwarha jkun qiegħed jitressaq ilment, huwa dak dwar jekk dik id-deċiżjoni kinitx waħda li wieħed jistenna li tittieħed minn persuna raġonevoli.

61. Il-Qorti ma jidhrilhiex li għandha għalfejn toqgħod tirrepeti dak li diġà qalet u, fuq il-kunsiderazzjonijiet li diġà saru b'rabta mal-ewwel u t-tieni aggravju, tqis li d-deċiżjoni tal-Ministru appellat li jinnomina lil Pierre Vassallo, Mark Said, Jeffrey Curmi u Mark Mallia għall-promozzjoni ta' Kurunell ma tistax, fiċ-ċirkostanzi, titqies li hija rraġonevoli, illegali, jew inkella b'xi mod jew ieħor diskriminatorja fil-konfront tal-appellant.

62. Fuq kollox, dak li jirriżulta mill-ġabra sħiħa tal-provi huwa li r-raġuni għalfejn l-appellant ma ntgħażilx biex ikun promoss bħala Kurunell ma kinitx minħabba l-promozzjoni ta' xi wieħed minn dawk l-uffiċjali li qiegħed jattakka l-promozzjoni tagħhom, iżda sewwasew minħabba l-promozzjoni

ta' Claudio Spiteri, li fl-istess eżerċizzju ta' promozzjonijiet intgħażel għall-promozzjoni bħala Kurunell sabiex ikun responsabbli mit-taqsima tal-operazzjonijiet ('*operations*') tal-Forzi Armati ta' Malta.

63. Matul il-kawża, il-Ministru appellat xehed li, kemm minħabba l-fatt li kien hemm seba' vakanzi għall-Kurunell li kienu f'taqsimiet speċjalizzati tal-Armata, inkluż f'dik tal-operazzjonijiet (*'operations'*), kif ukoll għaliex l-appellant kien qatta' l-parti l-kbira tal-karriera tiegħu fl-Armata fit-taqsima tal-operazzjonijiet, huwa kien fid-dawl tal-kriterju tal-*"għażla biex timtela l-vakanza",* qies lill-appellant bħala wieħed mill-aktar kandidati ideali għall-promozzjoni ta' Kurunell fit-taqsima tal-operazzjonijiet[60]. Il-Ministru kompla jistqarr li, filwaqt li għalih, l-appellant kellu wkoll kwalifiki tajbin ħafna li huma rilevanti għat-taqsima tal-operazzjonijiet, madanakollu huwa fisser li kien hemm kandidat ieħor bl-isem ta' Claudio Spiteri, li kellu wkoll kredenzjali tajba ħafna f'dik it-taqsima u li, fil-fehma tiegħu, dan tal-aħħar kien aħjar mill-appellant billi, filwaqt li min-naħa l-waħda Spiteri kellu esperjenza mifruxa fit-tliet oqsma tal-operazzjonijiet u sewwasew il-marittimu, l-infanterija u fl-ajru, min-naħa l-oħra l-esperjenza tal-appellant kienet aktar iffukata fuq l-operazzjonijiet marittimi[61]. Kunsiderazzjoni oħra li semma l-Ministru għalfejn huwa kien għażel lil Spiteri fuq l-appellant kienet għaliex l-appellant kellu anqas anzjanità minn Spiteri u għalhekk,

[60] Ara x-xhieda ta' Dott. Emmanuel Mallia, mogħtija waqt is-smigħ tas-27 ta' Ġunju, 2017 u dik tal-15 ta' Novembru, 2017, f'paġġ. 144-5, 154 u 167 tal-proċess rispettivament.
[61] *Ibid.* f' paġġ. 145, u 155-6 tal-proċess.

fil-fehma tiegħu, Spiteri kien aħjar mill-appellant fil-kriterji kollha li huma stabbiliti mil-liġi[62].

64. Sfiq ma' dan, ma jistax ma jiġix osservat kif mill-provi jirriżulta kif l-esperjenza tal-appellant kienet tabilħaqq iffukata fit-taqsima tal-operazzjonijiet tal-Armata[63]. Biżżejjed li jingħad li kien l-appellant stess li waqt il-kontro-eżami kkonferma li sa mill-grad ta' Kaptan, huwa baqa' dejjem jaħdem fit-taqsima tal-operazzjonijiet tal-Armata u saħansitra fl-istess qasam ta' xogħol[64]. M'hemm għalhekk xejn irraġonevoli fil-fatt li l-Ministru kkunsidra li jaħtar lill-appellant fit-taqsima tal-operazzjonijiet biss, u mhux f'taqsimiet oħrajn. Terġa' u tgħid li minn titwila li l-Qorti għamlet lejn il-kwalifiki tal-appellant,[65] jirriżulta li dawn huma wkoll tabilħaqq iffukati fuq il-marittimu bħalma qal il-Ministru u, barra minn hekk, minn ħarsa lejn 'Dok MM2'[66] li juri kif kienet l-anzjanità fl-armata ftit qabel ma sar l-eżerċizzju ta' promozzjonijiet li qiegħed jilmenta dwaru l-appellant, jirriżulta li Claudio Spiteri kellu tabilħaqq aktar anzjanità mill-appellant, tant li minn hemmhekk jirriżulta li dan kien ilu fil-grad ta' Tenent Kurunell sa mill-1 ta' Lulju, 2006, kif ukoll kien ilu ngaġġjat fl-Armata seba' snin aktar mill-appellant. Fl-aħħar mill-aħħar, il-fatt li Spiteri kien jistħoqqlu l-promozzjoni aktar minnu huwa sa ċertu punt konċess mill-appellant

[62] *Ibid*. f'paġ. 157 tal-proċess.
[63] Ara b'eżempju x-xhieda tal-Kurunell Mark Mallia, u dik tal-Brigadier Jeffrey Curmi, f'paġġ. 195 u 285 tal-proċess, rispettivament.
[64] Ara l-kontro-eżami tar-rikorrent f'paġġ.310-1 tal-proċess.
[65] Ara 'Dok AMX1 sa AMX11', f'paġġ. 600-32 tal-proċess.
[66] F'paġ. 202 tal-atti tal-kawża.

innifsu u dan għaliex meta ġie biex iressaq din il-kawża huwa għażel li jattakka biss il-promozzjoni ta' Vassallo, Said, Curmi, u Mallia, u għalkemm Spiteri kien promoss fl-istess eżerċizzju, l-appellant ma ressaq l-ebda lment fir-rigward ta' Spiteri li rriżulta li ntagħżel minfloku[67].

65. Għalhekk meta wieħed jidħol ukoll fil-mertu dwar kif u għalfejn l-appellant ma ġiex promoss għall-Kurunell, jirriżulta li huwa ma ntgħażilx mhux bi sforz ta' xi deċiżjoni irraġonevoli tal-Ministru appellat jew minħabba xi trattament preferenzjali li ngħataw aktar minnu Vassallo, Said, Curmi u Mallia, iżda għaliex il-karriera tiegħu fl-Armata kienet speċjalizzata fil-qasam tal-operazzjonijiet, u li f'dak il-qasam kien hemm min kien aħjar minnu. Naturalment, minn dan kollu l-appellant ma semma xejn fl-appell tiegħu u, fil-fehma tal-Qorti, il-konsiderazzjonijiet li diġà saru għandhom ikunu biżżejjed biex il-Qorti tikkonferma r-raġunament tal-Ewwel Qorti u l-parti dispożittiva tas-sentenza appellata.

66. Filwaqt li dak li għadu kif jingħad huwa biżżejjed biex l-appell ma jintlaqax, f'kull każ u sabiex ikun ingħad kollox, il-Qorti lanqas ma jidhrilha li l-ilmenti li qed jitressqu fit-tielet aggravju huma mistħoqqa;

67. L-ewwel nett, il-fatt waħdu li l-Ewwel Qorti ma għamlitx konsiderazzjonijiet speċifiċi dwar ir-rapport tal-Ombudsman, ma jfissirx li

[67] Ara r-Rikors Maħluf li bih inbdiet din il-kawża, kif ukoll l-affidavit tar-rikorrent, f'paġ. 85 tal-proċess.

dik il-Qorti 'injorat' dak ir-rapport. Huwa mifhum li l-Qrati m'għandhomx għalfejn li fis-sentenza tagħhom joqogħdu jindikaw il-provi kollha li huma jkunu raw jew qiesu biex wasslu għall-konklużjonijiet tagħhom, u imbilli l-Qorti ma tirreferix għal xi prova partikolari fis-sentenza tagħha ma jfissirx li dik il-prova tkun ġiet 'injorata'[68]. Dak li jidher mis-sentenza appellata huwa li, meta qieset il-provi kollha li tressqu mill-partijiet magħduda dawk tal-appellant li kienu jinkludu r-rapport tal-Ombudsman, l-Ewwel Qorti ma dehrilhiex li dawk il-provi kienu biżżejjed biex jagħtu raġun lill-appellant fl-ilmenti tiegħu.

68. Filwaqt li diġà ngħad li din il-Qorti m'hijiex tal-fehma li l-Ewwel Qorti kellha tasal għal konklużjoni differenti milli waslet għaliha, f'kull każ ma jistax ma jingħadx li r-rapport li qiegħed jirreferi għalih l-appellant m'huwiex dwar il-promozzjonijiet għall-grad ta' Kurunell, u għalhekk l-appellant ma jistax jippretendi li l-Ewwel Qorti kellha ssejjes il-konklużjonijiet tagħha fuq rapport li, fi kliemu stess, "*ma jikkunsidrax l-istess ġeneru ta' fatti li bihom l-ewwel Onor. Qorti kienet rinfaċċjata peress illi l-gradi kkonċernati kienu differenti*". Anke però li kieku stess dak ir-rapport kellu jkun dwar l-istess promozzjoni in kwistjoni (li m'huwiex), jibqa' xorta waħda l-fatt li dak ir-rapport għandu valur probatorju daqs kull prova oħra, u għalhekk ma jorbotx lill-Qorti u għandu dejjem jitqies fil-kuntest tal-bqija tal-provi li jkun hemm fl-atti.

---

[68] App. Ċiv. **30.3.2022**, fil-kawża fl-ismijiet ta' ***Paul Attard. V. Direttur Ġenerali (Dwana)***.

69. Fit-tieni lok, u sa fejn qiegħda ssir riferenza għall-fatt li żmien qasir wara l-promozzjoni mertu tal-kawża, Jeffrey Curmi ntagħżel bħala Kap Kmandant tal-Forzi Armati ta' Malta u għalhekk spiċċa dik is-sena fil-grad ta' Brigadier, il-Qorti terġa' tirreferi għall-kunsiderazzjonijiet li għamlet dwar in-nuqqas ta' irraġonevolezza fil-ħatra ta' Curmi għall-grad ta' Kurunell. Il-kwalitajiet individwati f'Curmi biex instab denju li jilħaq Kap Kmandant juru kemm kien jistħoqqlu li jitla' fil-grad ta' Kurunell.

70. F'kull każ, anke però li kieku stess wieħed ma jaqbilx ma' dan ir-raġunament, jibqa' xorta waħda l-fatt li l-liġi tħalliha f'idejn id-diskrezzjoni tal-Ministru li jagħżel min għandu jservi fil-gradi ta' Kurunell u Brigadier[69]. Sakemm il-Ministru jwettaq dik id-diskrezzjoni fid-dawl tal-kriterji mniżżla f'regolament 6(1) tar-Regolamenti, dik id-diskrezzjoni m'għandhiex tiġi mittiefsa. Mill-provi jirriżulta li Curmi daħal fl-Armata ftit wara li daħal l-appellant u għalhekk tista' tgħid li kien ilu fl-Armata daqs ir-rikorrent[70]. Ħareġ ukoll li, minbarra li Curmi għandu ħafna aktar kwalifiki mill-appellant f'bosta oqsma differenti u segwa ħafna aktar korsijiet mill-appellant, Curmi għandu wkoll effiċjenza li hija dokumentata. Meta jitqies dan kollu fid-dawl tal-kriterji tal-*"effiċjenza, anzjanità, u għażla biex timtela vakanza"* li huma mitluba mil-liġi, il-Qorti ttenni li ma jistax jingħad

[69] Reg. 4(1)(a) tal-L.S. 220.03.
[70] Skont 'Dok MM2', f'paġ. 202 tal-proċess, id-data li fiha Curmi daħal fl-armata kienet dik tad-9 ta' Diċembru, 1994, filwaqt li d-data li fiha l-appellant daħal fl-armata kienet dik tal-14 ta' Ġunju 1993.

li l-promozzjoni ta' Curmi fil-grad ta' Kurunell kienet xi waħda li tfalli t-test tar-raġonevolezza.

71. Sa fejn imbagħad l-appellant qiegħed jirreferi għax-xhieda tal-ex-Kap Kmandant tal-Armata Martin Xuereb u jisħaq li l-Ewwel Qorti kellha temmen il-verżjoni ta' dan fuq ix-xhieda tal-imħarrkin, il-Qorti jidhrilha li anke hawnhekk, il-kritika lejn l-Ewwel Qorti m'hijiex mistħoqqa. Ibda biex, l-appellant ma ressaq l-ebda sottomissjoni bħal din quddiem l-ewwel Qorti jew imqar semma x-xhieda ta' Xuereb[71]. L-appellant ma jistax għalhekk jippretendi li l-Ewwel Qorti kellha tagħmel xi kunsiderazzjoni partikolari fis-sentenza tagħha dwar punt li mank biss tqajjem minnu.

72. F'kull każ però l-appellati qed jgħidu wkoll sewwa li, mill-ġabra sħiħa tal-provi, ma jidhirx li l-Brigadier Xuereb sar jaf bil-promozzjonijiet mertu ta' din il-kawża għall-ewwel darba minn fuq il-Gazzetta tal-Gvern. Kuntrarjament għall-impressjoni li qiegħed jagħti l-appellant, ma kienx Silvio Scerri biss li xehed li l-promozzjonijiet fl-Armata kienu ġew diskussi ma' Xuereb f'ċertu laqgħat tad-difiża li għalihom kienu jattendu għalihom l-Brigadier Xuereb bħala Kap Kmandant tal-Forzi Armati, huwa bħala kap tas-Segretarjat tal-Ministeru, is-Segretarju Permanenti tal-Ministeru, id-Direttur tad-Dipartiment tad-Difiża u l-Ministru nnifsu[72]. Fis-sewwa, il-

[71] Ara n-nota ta' sottomissjonijiet tal-appellant, f'paġġ. 635-39 tal-proċess.
[72] Ara x-xhieda ta' Silvio Scerri, mogħtija waqt is-smigħ tal-5 ta' Diċembru, 2018, f'paġ. 225 tal-proċess.

verżjoni ta' Xerri hija korroborata b'dik tas-Segretarju Permanenti Kevin Mahoney li tenna għal darb'oħra kif il-promozzjoniijet kienu ġew diskussi fil-laqgħat li rrefera għalihom Scerri[73], u biex issaħħaħ dan, huwa ressaq dokument li juri l-aġenda ta' waħda minn dawk il-laqgħat li jidher li saret fid-29 ta' Lulju, 2013, u li kienet tinkludi d-diskussjoni dwar *"Promotion process from Lt Colonel to Colonel",* u bħala *"remarks"* tniżżel *"Update by CAFM",* li preżubilment hija referenza diretta lejn il-Kap Kmandant tal-Forzi Armati ta' Malta, li f'dak iż-żmien kien il-Brigadier Xuereb[74]. Għar-raġunijiet li jaf hu, l-appellant għażel li ma jagħmel l-ebda kontro-eżami lil Mahoney dwar dak li xehed dwaru kif ukoll dwar il-kontenut tad-dokumenti mressqa minnu, u għalhekk il-Qorti ma tarax għalfejn m'għandhiex temmen dak li huwa msaħħaħ bid-dokumenti, kif ukoll dak li ttenna minn żewġ xhieda oħra li kienu jkunu preżenti għal dawk il-laqgħat[75].

73. Fir-raba' lok, il-Qorti tqis ukoll bħala manifestament infondat l-ilment li l-Ewwel Qorti ma tatx każ li qabel l-eżerċizzju tal-promozzjonijiet mertu tal-kawża, l-SRAAC inbidel sabiex persuni li kellhom *'deployments'* barra minn Malta ma jingħatawx aktar punti fl-evalwazzjoni tagħhom, u li dik il-bidla saret sewwasew biex iċċaħħad lill-appellant minn punteġġ akbar fl-evalwazzjoni tal-applikazzjoni tiegħu. Apparti li dan l-argument

[73] Ara l-affidavit ta' Kevin Mahoney, 'Dok KM', f'paġġ. 232-3 tal-proċess.
[74] Ara 'Dok B', f'paġ 238 tal-proċess.
[75] Ara: (i) ix-xhieda ta' Dott. Emmanuel Mallia, mogħtija fil-15 ta' Novembru, 2017, f'paġġ. 160-1; u (ii) ix-xhieda ta' Silvio Scerri, mogħtija waqt is-smigħ tat-18 ta' Ottubru, 2018, u tal-5 ta' Diċembru, 2018, f'paġġ. 221 u 225-6 tal-proċess, rispettivament.

ukoll ma tressaqx quddiem l-Ewwel Qorti u qiegħed jitressaq l-ewwel darba f'din l-istanza, dan l-ilment huwa f'kull każ imsejjes fuq premessa li hija fundamentalment ħażna billi mill-provi jirriżulta biċ-ċar li l-SRAAC ma ntużax fl-eżerċizzju ta' promozzjonijiet mertu ta' din il-kawża. Kull tibdil li seta' sar fl-SRAAC ma seta' għalhekk qatt laqat lill-appellant, u dan għas-sempliċi fatt li f'dan il-każ l-evalwazzjoni saret direttament mill-Ministru u mhux mill-SRAAC. Għandu wkoll jingħad li mill-provi jirriżulta li SRAAC qatt ma ntuża fl-istorja tal-Forzi Armati ta' Malta sabiex jiġu nominati l-Kurunelli, u dawn dejjem inħatru direttament mill-Ministru, kif wara kollox jitlob regolament 4(1)(a) tar-Regolamenti[76]. M'hemm għalhekk xejn straordinarju, irregolari jew irraġonevoli fil-fatt li l-għażla dwar min kellu jiġi promoss għall-grad ta' Kurunell saret direttament mill-Ministru.

74. Fl-aħħar nett, il-Qorti lanqas ma taqbel ma' l-appellant meta qiegħed jargumenta li l-proċedura li ntużat għall-promozzjoni ta' Vassallo, Said, Curmi u Mallia kellha titqies bħala 'promozzjoni aċċellerata' fit-termini ta' regolament 6(2) tar-Regolamenti. Kemm bħala proċedura kif ukoll bħala stat ta' fatt, l-eżerċizzju ta' promozzjonijiet mill-grad ta' Maġġur għal dak ta' Tenent Kurunell u minn Tenent Kurunell għal Kurunell kienu u huma eżerċizzji separati. Diġà ngħad aktar qabel[77] li, fil-waqt li fih ittellgħu għall-grad ta' Kurunell, l-erba' uffiċjali li l-appellant qiegħed

[76] Paragrafu (a) tal-ewwel sub-inċiż ta' regolament 4 tal-L.S. 220.03 jipprovdi li: *"Nomini fuq l-istaff fir-rank ta' kurunell u f'rank ogħla għandhom isiru mill-Ministru".*
[77] §19 *supra*

jilmenta dwar il-promozzjoni tagħhom, kienu diġà ġew uffiċjalment maħtura fil-grad ta' Tenent Kurunell[78]. Ladarba kienu f'dak il-grad, u ladarba la l-liġi u lanqas il-proċeduri interni tal-Armata ma kienu jistabilixxu xi minimu ta' żmien li fih uffiċjal għandu jservi fil-grad ta' Tenent Kurunell biex ikun jista' jkun ikkunsidrat u mtella' għall-pożizzjoni ta' Kurunell[79], mela allura dawn l-erbgħa kienu wkoll legalment eliġibbli għall-promozzjoni.

75. Tajjeb jew ħażin, bil-mod ta' kif inhi mfassla, il-liġi tagħti s-setgħa diskrezzjonali lill-Ministru sabiex jagħżel lil min għandu jinħatar mill-grad ta' Kurunell 'il fuq, u la mill-ġabra sħiħa ta' provi jirriżulta ppruvat li d-deċiżjoni aħħarija tal-Ministru kienet imnebbħa u msejsa fuq dawk il-kriteriji li huma mniżżla fl-ewwel sub-inċiż ta' regolament 6 tar-Regolamenti, din il-Qorti, bħall-Ewwel Qorti qabilha, ma jidhrilhiex li l-lmenti tal-attur huma mistħoqqa.

76. L-appell ser ikun qiegħed għalhekk jiġi miċħud, però minħabba li l-appellant kellu raġun f'xi argumenti li ressaq fl-ewwel aggravju, il-Qorti hija tal-fehma li dan għandu jkun rifless fil-kap tal-ispejjeż billi ser tordna qsim bejn il-parttijiet fl-ispejjeż marbuta ma' dan l-appell.

---

[78] Ara l-Avviż Nru. 908, mitbugħ fil-ħarġa tal-Gazzetta tal-Gvern Nru. 19,144 Ara 'Dok GG1', f'paġ. 31 tal-proċess.

[79] Ara: (i) ix-xhieda tal-Kurunell Mark Mallia, mogħtija waqt is-smigħ tal-15 ta' Marzu, 2018, f'paġ. 199 tal-proċess; (ii) l-affidavit tas-Segretarju Permanenti Kevin Mahoney, 'Dok KM', f' paġ. 234 tal-proċess; u (iii) ix-xhieda kif ukoll il-kontro-eżami tal-Brigadier Jeffrey Curmi, f'paġni 285-6, u 330 tal-proċess, rispettivament

***Decide:***

77. Għal dawn ir-raġunijiet, din il-Qorti qiegħda taqta' u tiddeċiedi billi:

**Tiċħad l-appell** imressaq mill-Logotenent Kurunell Andrew Mallia, u tikkonferma għalkollox is-sentenza appellata għar-raġunijiet li ngħataw f'din is-sentenza.

**Tordna** li, għar-raġunijiet li ssemmew qabel, l-**ispejjeż tal-appell** għandhom jitħallsu fis-sehem ta' wieħed minn ħamsa ($^{1}/_{5}$) mill-appellati flimkien bejniethom, filwaqt li l-bqija għandhom jitħallsu mill-appellant. L-ispejjeż tal-ewwel istanza għandhom jitħallsu kif ordnat fis-sentenza appellata.

| | | |
|---|---|---|
| Giannino Caruana Demajo<br>Aġent President. | Joseph R. Micallef<br>Imħallef. | Anthony Ellul<br>Imħallef. |

Deputat Reġistratur
ss